MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tad-9 ta' Ottubru, 2017

Rikors Maħluf Numru 970/14LM

**Sier & Sons Ltd (C56548) u Vincent Zammit (K.I. 186383M)**

***vs.***

**V. G. Tiles Co. Limited (C6957) u Victor Galea (K.I. 654057M) għal kull interess li jista' jkollu**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf ippreżentat fl-4 ta' Novembru, 2014 mill-atturi **Sier & Sons Ltd** u **Vincent Zammit** (minn issa 'l quddiem "l-atturi"), u maħluf minn Vincent Zammit, li jgħid kif ġej:

*Illi s-soċjetà attriċi ġiet mogħtija l-kuntratt pubbliku bl-isem "Negotiated Procedure for Creation of a Footpath at Dingli Cliffs L/O Dingli in Connection with the Project: Dingli Cliffs - Enhancing and Protecting the Tourism Potential" bin-numru ta'*

*referenza CT3109/2012 maħruġ mill-Ministru għar-Riżorsi u l-Affarijiet Rurali sabiex twettaq xogħol ta' pavimentar u xogħol ieħor anċillari fil-limiti ta' Ħad-Dingli.*

*Illi in eżekuzzjoni tal-istess kuntratt, is-soċjetà attriċi qabbdet lis-soċjetà konvenuta sabiex tissupplixxi l-materjal kollu tal-imsemmi kuntratt u għal dan il-partijiet iffirmaw ftehim datat 30 ta' Marzu, 2013.*

*Illi sa mill-bidu nett il-konvenuti jew min minnhom kisru l-obbligi tagħhom taħt l-imsemmi ftehim peress li l-materjal li kien qed jiġi supplit kien ta' kwalità inferjuri jew difettuż oltre li ma kienx qed jiġi maqtugħ jew proċessat skond il-pattijiet u l-kundizzjonijiet miftehma fl-imsemmi ftehim.*

*Illi inoltre, il-konvenuti jew min minnhom naqsu li jissupplixxu l-materjal fil-kwantitajiet mitluba u fiż-żmien pattwit.*

*Illi l-atturi kienu marbuta mal-Ministeru tar-Riżorsi u l-Affarijiet Rurali li jlestu x-xogħlijiet kollha fiż-żmien, taħt penali qawwija għal kull jum ta' dewmien.*

*Illi b'riżultat tan-nuqqasijiet u l-inadempjenza tal-konvenuti jew min minnhom, l-atturi sofrew danni konsiderevoli konsistenti fid-differenza fil-prezz li kellhom ibatu wara li kienu kostretti jitterminaw il-ftehim hawn fuq imsemmi tat-30 ta' Marzu, 2013 u jqabbdu supplier ieħor f'qasir żmien.*

*Illi minkejja li l-konvenuti jew min minnhom ġew interpellati diversi drabi sabiex jersqu għal-likwidazzjoni u ħlas tad-danni kollha sofferti mill-atturi, inkluż b'ittra legali tad-29 ta' Mejju, 2013 u b'nota responsiva tal-ittra uffiċjali eżekuttiva numru 1146/2014, huma baqgħu inadempjenti.*

*Għaldaqstant għar-raġunijiet premessi u għal dawk kollha li jirriżultaw fil-kors ta' din il-kawża, prevja kull dikjarazzjoni li din il-Qorti jidhrilha xierqa, l-esponenti jitolbu bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

*1. Tiddikjara lill-konvenuti jew min minnhom responsabbli għad-danni kollha sofferti mill-esponenti, inkluż għad-differenza fil-prezz li batew wara li kienu kostretti iqabbdu supplier ieħor minħabba n-nuqqasijiet tal-istess konvenuti.*

*2. Tillikwida d-danni kollha sofferti mill-esponenti, okkorrendo bl-opera ta' perit nominandi.*

*3. Tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom iħallas is-somma hekk likwidata.*

*Bl-ispejjeż, inkluż dawk tal-ittra legali tad-29 ta' Mejju, 2013, tan-nota ta' oġġezzjoni fl-atti tal-ittra uffiċjali eżekuttiva numru 1146/2014, u tal-mandat ta' sekwestru*

*kontestwali, u bl-imgħaxijiet legali kontra l-konvenuti inġunti minn issa għas-subizzjoni.*

Rat ir-Risposta Maħlufa tal-konvenuti **V.G. Tiles Co. Limited** u **Victor Galea** (minn issa 'l quddiem "il-konvenuti"), li ġiet ippreżentata fid-9 ta' Diċembru, 2014, u maħlufa minn Victor Galea kif debitament awtorizzat, li biha eċċepew:

*1. Illi preliminarjament l-intimati jeċċepixxu n-nullità tar-rikors maħluf odjern peress illi ma ġiex maħluf skont kif jitlob l-Art. 156(3) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*2. Illi preliminarjament ukoll, ir-rikorrenti ma ppreżentawx lista tad-dokumenti skont kif jitlob l-Art. 156(2) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u/jew ma ġietx notifikata lill-intimati kif jitlob l-Art. 156(7) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u konsegwentement hemm l-inammissibilità ta' kwalunkwe dokument li jista' jiġi ppreżentat mir-rikorrenti;*

*3. Illi preliminarjament ukoll, ir-rikorrenti ma ppreżentawx lista tax-xhieda skont l-Art. 156 (4) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u/jew ma ġietx notifikata lill-intimati kif titlob l-Art. 156(7) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u għalhekk ma jistgħux jipproduċu xhieda kif tassattivament mitlub mill-Art. 156(7) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*4. Illi preliminarjament ukoll, l-intimati Victor Galea personalment m'huwiex il-leġittimu kontradittur fil-proċeduri odjerni u jitlob li jiġi meħlus mill-osservanza tal-ġudizzju stante li l-qofol tal-vertenza odjerna huwa s-supply agreement tat-30 ta' Marzu 2013, iffirmat bejn ir-rikorrent u s-soċjetà konvenuta u fl-ebda ħin ma kienu nvoluti personalment l-intimati konjuġi Galea (sic);*

*5. Illi subordinatament u mingħajr l-ebda preġudizzju għas-sueċċepit, l-intimati m'humiex responsabbli għall-ebda danni fil-konfront tar-rikorrenti jew min minnhom peress li huma stess, arbitrarjament, u mhux kif allegat minnhom li da parti tal-Gvern waqqfu lis-soċjetà intimati milli teżegwixxi l-obbligi tagħha assunti permezz tal-kuntratt suċitat b'konsegwenza illi l-istess soċjetà intimata sofriet danni eżorbitanti kif ser jiġi spjegat fir-rikonvenzjoni tagħha aktar 'l quddiem, li għalihom ir-rikorrenti għandhom jinżammu unikament responsabbli;*

*6. Illi subordinatament u mingħajr l-ebda preġudizzju għas-sueċċepit, l-intimati ma kisru ebda obbligu tal-kuntratt tat-30 ta' Marzu 2014 peress li kienu qed jottemperaw ruħom mal-kwantità, mal-kwalità u maż-żminijiet hemmhekk pattwiti, kif titlob l-arti u*

*s-sengħa, u għalhekk pacta sunt servanda m'għandhomx ibatu l-ebda danni, penali jew spejjeż kif reklamati mir-rikorrenti;*

*7. Illi subordinatament u mingħajr l-ebda preġudizzju għas-sueċċepit, ir-rikorrenti għażlu li jiksru l-kuntratt tat-30 ta' Marzu 2014 arbitrarjament, mingħajr ebda raġuni valida fil-liġi, u għalhekk kwalunkwe spejjeż li soffrew kienu riżultat tal-għażla arbitrarja tagħhom;*

*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri permessi mil-liġi.*

Rat il-Kontro-Talba tal-konvenuti rikonvenzjonanti **V.G. Tiles Co. Limited** u **Victor Galea** ippreżentata flimkien mar-Risposta Maħlufa tagħhom, li ġiet maħlufa minn Victor Galea kif debitament awtorizzat, li tgħid kif ġej:

*1. Billi l-intimati jixtiequ jipprevalixxu ruħhom mir-rikors maħluf ippreżentat kontra tagħhom mir-rikorrenti u debitament notifikat lilhom, sabiex jippreżentaw ir-rikonvenzjoni odjerna tagħhom;*

*2. Billi r-rikorrenti jew min minnhom, arbitrarjament u mingħajr ebda raġuni valida fil-liġi waqqfu lis-soċjetà intimata rikonvenzjonanta* (recte) *milli tottempera ruħa mal-obbligi assunti fil-kuntratt iffirmat bejn ir-rikorrent u s-soċjetà intimata billi tforni l-materjal tal-qawwi skont il-modalitajiet pattwiti;*

*3. U billi s-soċjetà intimata, pacta sunt servanda, daħlet fi spejjeż kbar sabiex tlesti l-fornitura tal-hardstone kerbs, hardstone tiles u hardstone planks speċifikatament skont ir-rekwiżiti tat-Tender Numru: CT3109/2012, liema materjal jinstab inutilizzabbli fil-fabbrika tas-soċjetà intimata;*

*4. U billi r-rikorrenti jew min minnhom ma kellhom l-ebda raġuni valida fil-liġi sabiex ma jħallsux lis-soċjetà intimata dak dovut minnhom għall-materjal ossija hardstone kerbs, hardstone tiles u hardstone planks li ġew maqtugħa speċifikatament mis-soċjetà intimata skont il-qisien pattwiti fil-kuntratt tat-30 ta' Marzu, 2013;*

*Jgħidu l-istess rikorrenti għaliex m'għandhiex dik l-Onorabbli Qorti, taħt dawk il-provvedimenti li jidrilha xierqa:*

*(1) Tiddikjara illi r-rikorrenti huma debituri tas-soċjetà intimata rikonvenzjonanta* (recte) *għall-obbligi assunti minnha fil-kuntratt tat-30 ta' Marzu, 2013 flimkien mal-*

*imgħaxijiet legali mid-data li fiha kellha ssir kull konsenja ta' materjal tal-qawwi kif pattwit fl-imsemmi kuntratt;*

*(2) Tiddikjara illi s-soċjetà rikorrenti ikkaġunat danni lis-soċjetà intimata rikonvenzjonanta* (recte) *wara li twaqqfet milli teżegwixxi l-obbligi assunti minnha fil-kuntratt tat-30 ta' Marzu, 2013;*

*(3) Tillikwida d-debitu dovut mis-soċjetà rikorrenti lis-soċjetà intimata rikonvenzjonanta* (recte) *skont il-kuntratt tat-30 ta' Marzu, 2013;*

*(4) Tillikwida dik is-somma dovuta lis-soċjetà intimata rikonvenzjonanta* (recte) *in linea ta' danni;*

*(5) Tikkundanna lir-rikorrenti jew min minnhom, iħallsu d-debiti u d-danni hekk likwidati, bl-imgħaxijiet kif mitlub.*

*Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti illi huma minn issa inġunti għas-subizzjoni.*

Rat ir-Risposta Maħlufa tal-atturi rikonvenzjonati **Sier & Sons Ltd.** u **Vincent Zammit** għall-kontrotalba tal-konvenuti rikonvenzjonanti, li ġiet ippreżentata fis-26 ta' Jannar, 2015, u maħlufa minn Vincent Zammit, li biha eċċepew:

1. *Preliminarjament, il-kontrotalba tal-konvenuti rikonvenzjonanti hija nulla u bla effett in kwantu hija nieqsa mil-lista tax-xhieda ai termini tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.*

2. *F'kull każ, it-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż.*

3. *Huma l-konvenuti rikonvenzjonanti li jaħtu għall-ksur tal-kuntratt tat-30 ta' Marzu, 2013 billi naqsu li jissupplixxu lill-atturi rikonvenzjonati l-materjal tal-kwalità miftehma, fil-kwantitajiet mitluba u fiż-żmien pattwit. Għalhekk, il-konvenuti rikonvenzjonanti ma jistgħu jitolbu ebda ħlas jew danni skont il-massima inademplenti non est ademplendum.*

4. *Inoltre, l-eċċepjenti ma kkawżaw ebda danni lill-istess atturi.*

5. *F'kull każ ukoll, il-konvenuti rikonvenzjonanti irrinunzjaw għal kull pretensjoni tagħhom konnessa mal-kuntratt tat-30 ta' Marzu, 2013, inkluż għal dawk dedotti b'talbiet fil-kontrotalba fl-ismijiet premessi, permezz ta' kawza oħra fl-ismijiet **V.***

***G. Tiles Co. Limited vs Vincent Zammit u Sier & Sons Ltd** (Talba Numru 455/2014 DMA) quddiem it-Tribunal Għal Talbiet Żgħar.*

6. *Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri.*

Rat l-atti tar-Rikors revoka 1148/14LM[1], li ġew allegati biex jiffurmaw parti integrali mill-atti ta' din il-kawża b'ordni tal-Qorti mogħtija fl-udjenza tat-13 ta' Frar, 2015.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Semgħet ix-xhieda prodotti mill-partijiet.

Rat il-verbal tal-udjenza tas-17 ta' Marzu, 2017, fejn il-partijiet ingħataw il-fakultà li jippreżentaw noti ta' sottomissjonijiet u fejn il-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

Rat in-nota tas-sottomissjonijiet tal-atturi.

[1] **V.G. Tiles Co. Limited *et vs.* Sier & Sons Ltd. *et*** deċiża fit-03.02.2015 minn din il-Qorti kif preseduta.

## Il-kwistjoni bejn il-partijiet

Is-soċjetà attriċi ġiet mogħtija b'*tender* maħruġ mill-Ministeru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali, il-kuntratt pubbliku numru CT3109/2012[2] biex issir *footpath* pavimentata pedonali u xogħol ieħor anċillari f'Dingli Cliffs fil-limiti ta' Ħad-Dingli. In eżekuzzjoni tal-imsemmi kuntratt, is-soċjetà attriċi qabbdet lis-soċjetà konvenuta sabiex tissupplixxi l-materjal kollu ta' *hardstone kerbs, tiles u planks* li s-soċjetà attriċi kienet ser tuża għal dan il-proġett. Għal dan il-għan is-soċjetà attriċi ffirmat ftehim mas-soċjetà konvenuta datat 30 ta' Marzu, 2013. L-atturi min-naħa tagħhom jikkontendu li l-konvenuti bdew jissupplixxu materjal difettuż jew ta' kwalità inferjuri, kif ukoll kienu tardivi fil-konsenja tal-materjal u għalhekk is-soċjetà attriċi kienet kostretta li tittermina l-kuntratt u tqabbad sub-appaltaturi oħrajn. Bl-azzjoni odjerna, is-soċjetà attriċi qiegħda titlob li titħallas mill-konvenuti d-danni konsistenti fi prezzijiet ogħla ta' materjal u ta' xogħol ta' appaltaturi oħrajn li kienet kostretta li tqabbad. Min-naħa l-oħra l-konvenuti jsostnu li huma ma kisru ebda obbligu tal-kuntratt tat-30 ta' Marzu 2014 peress li kienu qed jottemperaw ruħom mal-kwantità, mal-kwalità u maż-żminijiet hemmhekk pattwiti, kif titlob l-arti u s-sengħa. Il-konvenuti jikkontendu li l-atturi waqqfuhom mix-xogħlijiet mingħajr raġuni valida u ma ħallsuhomx ta' kulma kien dovut lilhom u permezz ta' kontrotalba qegħdin jitolbu d-danni lill-atturi għall-ħlasijiet dovuti lilhom kif ukoll għall-ispejjeż tal-materjal tal-qawwi maħdum minnhom għall-atturi, li issa allegatament baqa' inutilizzabbli fil-fabbrika tagħhom.

[2] Kopja tal-kuntratt pubbliku *a fol.* 27 sa 176.

**Provi u riżultanzi**

L-atturi esebew kopja tal-kuntratt pubbliku li ġie aġġudikat lis-soċjetà konvenuta mill-Ministeru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali u li ġie ffirmat fit-8 ta' Marzu, 2013.[3]

Xehed **il-Perit Giogio Schembri**[4], li kkonferma li hu kien il-perit tas-soċjetà attriċi li rebħet kuntratt mingħand il-Ministeru għar-Riżorsi u l-Affarijiet Rurali (MRRA) għall-pavimentar f'Dingli Cliffs, limiti ta' Ħad-Dingli. Kien hu li laqqa' lill-konvenut mal-attur għax kien jafhom it-tnejn li huma. Ix-xhud ikkonferma li l-kuntratt bejn il-partijiet għall-provvista ta' materjal maħdum mill-ġebel tal-qawwi, datat 30 ta' Marzu 2013[5] kien irrediġieh hu u kkonferma t-timbru u l-firma tiegħu fuq dak il-kuntratt, li kien bejn l-attur "*trading in the construction industry under the name of Siers & Sons"* u l-konvenut għan-nom tas-soċjetà konvenuta. Il-Perit Schembri spjega li prattikament il-ftehim bejn il-partijiet dwar il-materjal kien bl-istess kundizzjonijiet imposti fil-kuntratt pubbliku tal-Gvern, tant hu hekk fil-ftehim bejn il-kontendenti ġew annessi estratti mill-kuntratt pubbliku bejn is-soċjetà attriċi u l-Gvern sabiex l-istess kundizzjonijiet li kien jorbtu lis-soċjetà attriċi jkunu jorbtu wkoll lis-soċjetà konvenuta. Fl-imsemmi ftehim bejn il-kontendenti hemm stipulati l-prezzijiet u l-minimu ta' ta' materjal li s-soċjetà konvenuta kellha tforni lis-soċjetà attriċi kull ġimgħa, u ċjoè 100 metru lineari *hardstone curbs*, 40 metru kwadru paving ta' 20cm x 20cm x 5cm, u 100 metru ta' materjal ta' 30cm x 5cm.

---

[3] *A fol.* 24 sa 176: *Contract agreement – Creation of a footpath at Dingli Cliffs l/o Dingli in connection with the project Dingli Cliffs – enhancing and protecting the tourism potential,* fejn fil-parti msejjħa *scope of works a fol.* 79 hemm spjegat li *"The objective of the current works is to create a continuous pedestrian footpath along Dingli Cliffs....The footpath created will delineate the road margin to avoid vehicular access over garigue vegetation and prevent disturbance to rock steppe and cliff side communities. The footpath shall be paved with harstone slabs....."*

[4] Atti Rikors Revoka Nru 1148/14LM fl-atti tal-mandat ta' sekwestru numru 1942/2014(AE), *a fol.* 182 sa 190 u 293 u 294.

[5] *A fol.* 5 sa 7 tal-atti Rikors Revoka 1148/14LM.

Il-Perit Schembri jispjega li kienu nqalgħu żewġ tipi ta' problemi. Meta kien jiltaqa' mal-kuntrattur Vincent Zammit u l-perit tal-Gvern fuq il-post, ġie ikkonstatat li ma kienx qed jiġi pprovdut materjal biżżejjed u allura bdew jaqgħu lura fix-xogħol u partikolarment kien qed ikun hemm *hardstone curbs* b'xi difetti li riedu jiġu *re-instated* jew inkella jinqalgħu u jitranġaw. Ix-xhud jgħid ukoll li ċ-ċamfrin tal-kurduna, ma kienx qed ikun uniformi u min-naħa għall-oħra kien qiegħed ikun hemm varjazzjoni qawwija u anki bejn *curb* u oħra ċ-ċamfrin ma kienx ikun l-istess u ġieli kien ikun hemm għoli ta' nofs pulzier differenza u kien ikollhom jinqalgħu u jittranġaw. Ix-xhud jgħid li l-ispeċifikazzjonijiet kienu parti jinsabu fil-kuntratt tal-Gvern u parti wieħed kellu jsegwi l-prassi skont is-sengħa u f'ħaġa bħal din kienet tidħol ukoll il-professjonalità tal-perit. Fil-fatt ikkonferma r-ritratti fl-atti tar-Rikors Revoka 1148/14LM[6] bħala evidenza tal-problemi li kienu nqalgħu fuq il-lant tax-xogħol. Skont dan ix-xhud, problema kbira li kienet inqalgħet kienet dwar il-kurduna fejn kif jidher *a fol.* 22 fl-atti Rikors Revoka 1148/14LM, ma kinitx tkun kartabum u kien ikun hemm qisien mhux konsistenti. Il-Perit Schembri jgħid li huwa kien fi dmir li jinforma lill-atturi b'dan għax kienu taħt pressjoni kbira mill-perit tal-Gvern, il-Perit Alexander Cutajar, li kien dejjem jgħidilhom biex ilaħħqu max-xogħol u biex ix-xogħol isir sew. Ix-xhud jgħid li dan ix-xogħol difettuż kien ikollu joqgħod jirranġah l-attur. Il-Perit Schembri jgħid li kien bagħat *e-mails* lill-konvenut u wara lill-attur, u ma kellux triq oħra ħlief li jwaqqaf il-kuntratt għax mill-materjal li kienu qed jirċievu, kien hemm xi 60% biss tajjeb.[7] Iżda jgħid li aktar minn hekk kien hemm id-dewmien biex il-konvenuti jissupplixxu l-materjal lest. L-atturi kienu marbutin b'termini ta'

[6] *A fol.* 10 sa 28 tal-atti Rikors Revoka 1148/14LM.
[7] *A fol.* 187.

żmien mal-Gvern u t-termini kien ikollhom jiġu rispettati. Mistoqsi minn din il-Qorti x'kienet ir-raġuni għal dan id-dewmien[8], ix-xhud jgħid li ma jafx għax ma kienx jidħol hu f'din l-kwistjoni. Hu spjega li kellhom iqabbdu *supplier* ieħor li jidhirlu li kien minn Għawdex u b'xi mod laħqu. Jgħid ukoll li peress il-Gvern ried xi tibdiliet, l-atturi użaw dan bħala *leverage* biex il-Gvern jagħtihom aktar żmien biex jitlesta l-kuntratt. Il-Perit Schembri jgħid li ma kienx daħal fl-għażla tas-*supplier* il-ġdid. Il-Perit Schembri jgħid li kien mar il-fabbrika tal-konvenut xi darbtejn, darba fil-bidu meta ra li kellu materjal lest, li l-konvenut kien qallu li kien għall-proġett ta' Ħad-Dingli u t-tieni darba meta beda jinqala' d-dewmien. It-tieni darba li mar il-fabbrika tal-konvenuti, ma kienx hemm il-konvenut u kien hemm tliet ħaddiema jaħdmu u għalhekk ma setax jistaqsi li kellu bżonn. Ix-xhud esebixxa wkoll ritratti[9], l-ewwel juri kurduni mhux kartabum u l-oħrajn juru kampjuni li ppreżentaw lill-Gvern.

In kontroeżami l-Perit Schembri jgħid[10] li kien għażel lill-konvenut għax kien mitlub mill-attur biex isiblu *supplier* u hu kien diġà jaf ix-xogħol li joffri l-konvenut relatat ma' kuntratti tal-Gvern. Ix-xhud kien ħadem mal-konvenut fuq proġetti tal-Gvern, inkluż il-pavimentar tal-Belt. Ix-xhud jgħid illi hemm xi erba' kuntratturi oħrajn li jaħdmu dan ix-xogħol. Ix-xhud jgħid illi fil-proġett tal-Belt, għalkemm kellu kultant jiġri wara l-konvenut biex ilesti x-xogħol, ix-xogħol tal-konvenut mexa sewwa u kien tajjeb. Jgħid iżda illi fil-każ odjern 60% tax-xogħol kien ħazin[11] u kkorreġa dak li kien xehed preċedentement li 60% kien xogħol tajjeb. Il-Perit Schembri jgħid illi l-qisien tal-kurdun, fiċ-ċamfrin, daqqa kien ikun 16ċm u daqqa 17ċm u għalhekk ix-xogħol beda jiġi ħażin. Fil-

[8] *A fol.* 188.
[9] *A fol.* 299 sa 302.
[10] *A fol.* 291 sa 294.
[11] *A fol.* 292.

fatt ix-xhud esebixxa ritratti ta' dan ix-xogħol[12] kif ukoll *e-mail* li kien bagħat lill-konvenut dwar ix-xogħol ħażin li kien qed jissupplixxi[13] u qal li l-konvenut lanqas biss wieġbu.

Mistoqsi minn fejn jirriżultaw il-qisien tal-kurduni, ix-xhud għamel riferiment għall-paġni mill-kuntratt tal-Gvern annessi mal-kuntratt bejn l-partijiet u għamel riferiment ukoll għal *a fol.* 8 tal-atti tar-Rikors Revoka Nru 1148/14LM fejn klawsola 9 tgħid li *"The hardstone curb should be 200mm wide x 225mm high, chamfered on one side."* Ix-xhud jgħid li għalkemm ma kienx hemm qisien taċ-ċamfrin stipulati, ovvjament ma setax jaċċetta ċamfrin li jibda mod, eżempju pulzier, u jispiċċa differenti, eżempju nofs pulzier, għax ma jkunx xogħol professjonali. Il-Perit Schembri jgħid li veru kien qal li l-akbar problema kienet li x-xogħol kien qed jaslilhom tard, però anki l-qisien kienu qegħdin joħolqulhom problema ta' ħin, biex jinqala' u wara jerġa' jitwaħħal bi spiża żejda.[14] Ix-xhud jgħid li rigward problemi ta' xogħol ħażin, huwa kien iċempel ħafna drabi lill-konvenut u minn għaxar telefonati kien ikellmu darbtejn. Apparti minnhekk, lill-konvenut kien bagħtlu l-*e-mail* li semma aktar 'il fuq u l-konvenut ma kienx irrispondieh.[15]

Xehed ukoll **James Agius**, impjegat tal-attur, li jgħid[16] li darba kien mar mal-attur biex jiġbru mingħand l-konvenut ix-xogħol għall-proġett ta' Ħad-Dingli. Ma kinux sabu x-xogħol li suppost kellhom jiġbru kollu lest u meta bdew

[12] *A fol.*295 u 296.
[13] *A fol.* 297 u 298.
[14] *A fol.* 293.
[15] Din l-*e-mail* li hija datata 7 ta' Mejju, 2013 kienet tgħid "*Please rectify ALL damaged hardstone kerbs immediately as this quality of work is not acceptable and it is not as per agreement signed between you and Sier and Sons. Otherwise, please note that any additional works needed and/or penalties imposed by MRRA due to this inconsistency will be borne by you.*"
[16] *A fol.* 191 sa 195.

qegħduh sabu li kien hemm qisien differenti, xi wħud bi xtur, iċ-ċamfrin ma jaqbilx, u kellhom jaqalgħuhom u anki jduruhom biċ-*chaser.* Ix-xhud ġie muri r-ritratti *a fol.* 10 sa 28 tal-atti tar-Rikors Revoka Nru 1148/2014LM, u kkonferma li dawn juru x-xogħol ħażin li kien qed jiġi supplit mis-soċjetà konvenuta. Ix-xhud jispjega dak li kien qiegħed jiġri għax filwaqt li kien ikun ġie miftiehem li f'ġurnata jaħdem ħames *pallets*, mingħand is-soċjetà konvenuta kienu jaslu biss tnejn. Ix-xhud jgħid li kien qal lill-attur li ma kienx ser ikompli jqiegħed għax il-materjal kien qiegħed jiġi ħażin mingħand is-soċjetà konvenuta. Ix-xhud jgħid fl-aħħar l-attur spiċċa biddel is-*supplier.*

Xehed l-attur **Vincent Zammit**[17], wieħed mid-diretturi tas-soċjetà attriċi Sier & Sons Limited, bid-direttur l-ieħor li huwa ħuh Frankie Zammit. L-attur jgħid li fit-*tendering stage* huwa kien diġà kellem lill-konvenut u l-konvenut kien tah tliet kampjuni tax-xogħol tiegħu biex jintużaw għat-*tender.* Huma kienu għażlu lis-soċjetà konvenuta għax din kellha l-aktar rati vantaġġjużi u l-Gvern kien aċċetta l-kampjuni wkoll. L-attur jgħid illi wara li rebħu l-kuntratt pubbliku mill-Gvern, huwa kien għamel kuntratt mas-soċjetà konvenuta datat 30 ta' Marzu, 2013 fejn kien hemm qisien dettaljati kif kienu ġew stabbiliti fil-kuntratt pubbliku mal-Gvern. Il-kuntratt mas-soċjetà konvenuta kien ġie ffirmat fl-uffiċċju tal-Perit Giorgio Schembri.

L-attur jgħid li l-konvenut mill-ewwel beda jittardjalu bix-xogħol u konsenja ta' ġimgħa ttawlet għal xahar. Il-konvenut jgħid li ħafna mix-xogħol kien imur jiġbru huwa stess mill-fabbrika tal-konvenut. Il-konvenut tant kien qed ikun lura fix-xogħol u l-materjal li kien ikollu lest tant kien ikun ftit, li huwa kien

[17] *A fol.* 197 sa 200, 230 sa 232 u b'affidavit **a** *fol.* 201 sa 203.

jiġbor il-materjal mhux fi *truck* iżda f'vann. L-attur jikkonferma li r-ritratti esebiti fl-atti tar-Rikors Revoka Nru 1148/14LM kien ħadhom kollha hu u juru xogħol difettuż, fosthom ċamfrin ta' qisien jew angolatura differenti u ħxuna differenti tal-kurdun. L-attur jgħid li x-xogħol difettuż kien ikollhom jirranġawh huma u jekk ma jittranġax, kien ikollhom jieħduh lura. Vincent Zammit jgħid li dan ix-xogħol żejjed li daħlu fih minħabba l-imsemmija difetti, swielu eluf ta' Euro żejda u lesta l-kont sena wara li kien waqqaf lill-konvenut, għax huwa kien moħħu li l-ewwel ilesti dan il-proġett tal-Gvern. Zammit jgħid li x-xogħol tal-konvenut ma kienx aċċettabbli għall-proġett pubbliku ta' kważi nofs miljun Euro. Qal ukoll li l-Gvern kien bagħat għalih biex jirrimedja dwar il-kwalità tax-xogħol u ż-żmien tal-konsenja. L-attur jgħid li wara ġimgħa minn meta kienu taw avviż lill-konvenut, huwa kellu jwaqqaf lill-konvenuti mix-xogħol għax dan ma kienx qed jimxi skont il-kuntratt u bagħtlu *e-mail* li kienet tgħid[18]:

> *"Ref. for the supplied (sic) of hard stone product.*
>
> *Sier & Sons Ltd is giving the order to stop all the supplies from V.G. Tiles Co. Ltd due of (sic) low quantities of hard stone material and damaged material. V.G. Tiles will be responsible for and(sic) lost (sic) of time frame and lost (sic) of profit due of any justifiable circumstances (sic) have been reported, such as, acts of god, injury or death. As the e-mail send (sic) on 04/05/13 V.G. Tiles still have to fix the chamfer of the kerb and take the damage (sic) material that is still on site that have been not approved (sic) by the architect in charge, there is still the returns that have been made which are 7 square meter of 20 x 20 and 12.29 linear meter of kerb damage that haven (sic) been invoiced for the return."*

Il-konvenut min-naħa tiegħu wieġeb fis-17 ta' Mejju, 2013 b'dan il-mod: "Vince, provajt nikintatjak (sic) Kont jumejn imsiefer mort inġib *parts* tal-magna. *Thanks* tal-*e-mail*." L-attur jgħid li ma sema' xejn aktar mingħand il-

[18] *A fol.* 207 datata 15.05.2013 mibgħuta mill-attur lill-konvenut, però mill-*e-mail* ta' Francis Zammit, missier l-attur.

konvenut wara dan, ħlief *e-mail* fejn il-konvenut staqsieh jekk hux ser ikompli bix-xogħol tagħhom jew le għax kien mgħobbi b'xogħol ieħor Bormla.[19] L-attur jgħid illi wara kien bagħat ittra bl-avukat dwar l-ispejjeż żejda li daħal fihom biex qabbad *supplier* ieħor u reġa' ma weġbux. Iżda mbaghad il-konvenut bagħtlu ittra uffiċjali u wara fetaħ kawża quddiem it-Tribunal Għal Talbiet Żgħar[20], li però ġiet ċeduta mill-konvenut.

L-attur jgħid li s-*suppliers* li qabbad minflok il-konvenuti kienu A.F. Ellis Marble Works u J&J Gauci. Zammit jgħid li għalkemm ġabu stima ta' ħaddieħor ukoll[21], dawn it-tnejn kienu l-orħos iżda xorta kienu ogħla mill-konvenut. L-attur jgħid illi kien kostrett jaħdem bihom għax kien marbut bil-kuntratt mal-Gvern. L-attur ikkalkula d-danni li sofra abbażi tal-*bill of quantities* ippreparat mill-perit tal-Gvern[22], fuq kemm kien ser iħallas bir-rati miftiehma mas-soċjetà konvenuta u fuq kemm effettivament ħallas lis-*suppliers* li inkariga minflok is-soċjetà konvenuta u kkalkula li swietlu eluf ta' Euro aktar. L-attur ippreżenta wkoll dokument[23], fejn hemm ikkalkulat kemm l-attur kellu jħallas aktar meta kellu jbiddel is-*suppliers* u skont l-istess attur importatlu nefqa addizzjonali ta' <u>€24,362.74</u> inkluż il-VAT.

L-attur ippreżenta wkoll rendikont[24] tal-materjal kollu li effettivament ġie pprovdut mis-soċjetà konvenuta fil-ħames ġimgħat li għamlet taħdem mas-soċjetà attriċi, u l-materjal kollu li din suppost issupplixxiet f'dawk il-ħames ġimgħat skont il-ftehim li kien hemm bejn il-partijiet. Minn dan ir-rendikont

[19] *A fol.* 227 u 228.
[20] Nru 455/2014 DMA.
[21] *A fol.* 236 sa 239.
[22] *A fol.* 204 u 205.
[23] *A fol.* 233.
[24] *A fol.* 206.

jirriżulta li s-soċjetà konvenuta f'dak il-perjodu kellha tissupplixxi lis-soċjetà attriċi *kerb* ta' 500 metri tul, iżda ssuplixxiet biss 165.91 metri, kellha tissupplixxi 200 metri kwadri 20x20, iżda ssuplixxiet biss 30 metri kwadri u kellha tipprovdi 500 metri kwadri *planks,* iżda ssupplixxiet biss 14.30 metri kwadri. Apparti minnhekk, 7 metri kwadri 20x20 u 12.29 metri ta' *kerb* milli ssupplixxa kien miksur. L-attur ippreżenta wkoll ma' dan id-dokument id-*delivery notes* tal-materjal tal-konvenut[25]. Ippreżenta wkoll waħda minn diversi *e-mails* li bagħatlu l-perit tal-Gvern, il-Perit Alexander Cutajar[26] fejn jgħid *"Kerb blocks of different width are not acceptable. Replace where necessary."* L-attur ippreżenta wkoll *e-mail* oħra tal-Perit Alexander Cutajar[27] fejn għamel riferiment għal *e-mail* oħra li kien bagħatlu Robert Naudi, EU *Fund Officer* tal-Gvern, stante li l-proġett kien iffinanzjat mill-EU, fejn fost affarijiet oħra rrimarka:

> *"We would also like to point out that the quality of some of the work is not up to standard. The pavement itself is of good quality but the kerb (especially the inner kerb) looks shabby mainly because the kerbstones are not cut to the same width and also some kerbstones are broken and need replacement... when is the contractor going to remedy this?"*[28]

L-attur esebixxa wkoll għadd ta' ritratti li kien bagħat b'*e-mail* lill-konvenut biex jurih ix-xogħol ħażin li kien qed isir minħabba d-difetti fil-materjal ipprovdut mill-konvenut.[29] L-attur mistoqsi in kontroeżami[30] dwar l-ittra legali li kien bagħat l-avukat tiegħu lill-konvenut dwar materjal li ma kienx aċċettat

[25] *A fol.* 208 sa 213.
[26] *A fol.* 214, datata 29 ta' Jannar, 2014.
[27] *A fol.* 215 u 216, datata 3 ta' Mejju, 2014.
[28] *A fol.* 215 u 216.
[29] *A fol.* 218 sa 223.
[30] *A fol.* 309 sa 328.

mill-Gvern[31], spjega li kien il-Perit Alexander Cutajar li ma kienx aċċettah. Iżda meta kkonfrontat bl-ittra tal-Perit Cutajar datata Jannar tal-2014[32] meta l-konvenut kien ilu li twaqqaf, l-attur ammetta li dan kien żball u fil-fatt dik l-ittra kienet qed tirreferi għas-*supplier* il-ġdid li kellu problemi miegħu wkoll.[33] Ikkonfrontat ukoll bix-xhieda tal-Perit Cutajar fejn dan semma problemi bil-kurdun f'tul ta' 20 jew 30 metru, l-attur ikkonferma dan kien fil-perjodu meta s-*supplier* kien il-konvenut. Zammit jikkonferma illi l-proġett kollu kellu kurdun tul ta' ta' żewġ kilometri. L-attur jgħid li ma kellux *e-mails* oħrajn tal-Perit Cutajar dwar ix-xogħol tal-konvenuti, però dan il-perit kien jgħidlu fuq il-lant tax-xogħol dwar ix-xogħol ħażin tal-konvenuti.

L-attur ikkonferma li ma weħilx penali għax kien hemm ukoll varazzjonijiet li ried l-Gvern u kien hemm żmien meta l-MEPA kienet waqqfet il-proġett. Ikkonfrontat ukoll bid-data tal-istimi li kellu mingħand Agius Marble Works, ċjoè t-2 ta' April, 2013 li kienet qabel l-*order to start works* tal-4 ta' April, 2013 u dik ta' A.F. Ellis Marble Works li kienet bid-data tas-16 ta' April, 2013 u mistoqsi kienx jaf jispjega kif dawn l-istimi nġiebu qabel jew ġimgħa biss wara li kellu jibda l-kuntratt mal-konvenut, l-attur ma kienx jaf jispjega dan.

Dwar ix-xogħol difettuż, l-attur jgħid li għalkemm l-angolu u l-wisgħa taċ-ċamfrin ma kienx stipulat fil-kuntratt mal-Gvern, il-Perit Cutajar kien stipula l-wisgħa fuq il-post. Qal li ma jiftakarx kemm kien il-kurdun li lesta l-konvenut[34], però ddeskriva t-tul ta' 20 sa 30 metru difettuż kif indikat mill-Perit Cutajar, bħala perċentwal għoli tat-tul totali li kien għamel il-konvenut. L-attur jgħid li

[31] *A fol.* 330.
[32] *A fol.* 214.
[33] *A fol.* 312.
[34] Fil-fatt minn dokument li kien ippreżentat minnu *a fol.* 206 tal-proċess, kien ġie kkalkulat li s-soċjetà konvenuta kienet għamlet 165.91 metri ta' kurdun b'kollox.

oltre dan kien hemm xogħol difettuż li kien inbidel. Ikkonferma li dawn l-20 jew 30 metru xogħol kellu jirranġah hu a spejjeż tiegħu. Xogħol ieħor li kien sar qabel jew irranġawh huma fuq il-post, jew jekk ma setax jiġi rranġat, kienu bidluh ma' materjal ieħor tal-konvenut. L-attur jgħid li skont il-kuntratt li kellu mal-konvenuti, dawn kellhom ilestu 100 metru materjal ta' kurdun fil-ġimgħa. Peress li l-konvenuti ma kinux qed jipprovdulu l-kwantità ta' materjal miftiehma, huwa kellu n-nies tiegħu *(layers)* li ma setgħux jaħdmu u dawn kienu jiswewlu l-flus, tant li għall-proġett ta' Ħad-Dingli kellu jniżżel l-għadd ta' ħaddiema minn tmienja għal erbgħa.

L-attur spjega li hu kellu dejjem *available suppliers* oħrajn għal dak li jista' jinqala' u fuq domanda tal-kontroparti dwar dewmien, għaliex ma daħħalx *supplier* ieħor flimkien mal-konvenut, l-attur spjega li jekk tibda b'wieħed mhux ser tgħid lill-ieħor jagħmel xogħol fejn ma jlaħħaqx tal-ewwel, għax hekk ma jaħdmux.

Xehed ukoll **il-Perit Alexander Cutajar,** il-perit tal-Gvern li kien inkarigat mill-proġett ta' Dingli Cliffs[35], li qal li lill-attur jafu fuq il-proġett ta' Ħad-Dingli. Ix-xhud jgħid li malli nbdew ix-xogħlijiet beda jinnota "ċertu *bad workmanship, rather than the pure quality of material*, ... il-mod ta' kif kien qiegħed jinqata' l-qawwi, il-mod ta' kif jitpoġġa waħda fejn l-oħra." Mill-*file* irnexxielu jsib xi ritratti u ppreżentahom[36], li kienu ta' parti mill-proġett ta' żewġ kilometri *footpath,* liema ritratti kien ħadhom hu f'Mejju tal-2013 u li juru xogħol ħażin tal-konvenut ta' qtugħ ta' materjal u fejn iċ-ċamfrin ma kienx *up to size* skont ma kien speċifika l-perit fit-*tender*. Anki l-*paving per se* kien fih id-difetti għax il-Perit Cutajar riedu bl-i*straight edges*, imma r-ritratti juru li l-*gaps* kienu

[35] *A fol.* 243 sa 247.
[36] *A fol.* 248 sa 251.

wisgħin ħafna. Ix-xhud jaħseb li kellha tinbidel medda ta' 20 sa 30 metru li kienu diġà impoġġijja u minħabba f'hekk kien intilef ċertu ammont ta' żmien. Ma jiftakarx jekk kienx bagħat *e-mails,* però spjega li hu jħobb jikkomunika fuq il-post verbalment. Hu qal ukoll li ma jistax jikkomunika mas-*sub-contractor* li jkun qabbad il-kuntrattur, iżda huwa jittratta biss mal-kuntrattur, f'dan il-każ, l-attur. Ix-xhud fl-aħħar tax-xhieda tiegħu jgħid "dewmien kien hemm u xogħol ħażin kien hemm. Dawk huma żewġ affarijiet li jien responsabbli minnhom u jidhirli li eżegwejthom kif suppost."

Min-naħa tiegħu, il-konvenut **Victor Galea**[37] kkonferma l-kuntratt li ffirmat is-soċjetà konvenuta mas-soċjetà attriċi fit-30 ta' Marzu, 2013, però spjega li l-attur ippretenda li s-soċjetà konvenuta tibda mill-ewwel, imma qabel kellu jsir xogħol preparattiv biex jiġu ssettjati l-magni. Victor Galea jgħid li ġieli għamel xogħol bħal dan bħax-Xatt il-Għassara fejn jidħol il-Catamaran. Ix-xogħol inkwistjoni kien jinvolvi tliet tip ta' materjali, wieħed minnhom il-*crazy paving* li però kien strixxi u l-attur kellu jqattgħu hu stess. Il-konvenut jgħid li l-attur kien talbu biss konsenja waħda u ma kienx talbu aktar minn dan il-*crazy paving* u jidher li kien beda jiġi ipprovdut minn ħaddieħor b'qisien differenti. L-attur baqa' jieħu mingħand il-konvenuti ż-żewġ tipi l-oħra ta' materjal, ċjoè il-kurduna u l-faxxa. Il-konvenut jgħid li għalkemm lill-attur kien tah biss 15-il metru, hu baqa' jipprepara l-materjal fil-fabbrika tiegħu. Victor Galea spjega li kien hemm xogħol preparattiv xi jsir, inkluż qtugħ ta' blat li jiswa ħafna f'kirjiet ta' makkinarju u *diesel.* Victor Galea jgħid li waqt li kien qed jaqta' l-blat, kien sab materjal ieħor fil-wiċċ li ma xtaqx li jitkisser u qatgħuh fi blokki biex jintuża fi proġetti oħrajn. Meta kien qata' kollox, u hawn ippuntwalizza li dan jinvolvi

[37] Xhieda *a fol.* 253 sa 263 u 275 sa 277 u kontroeżami *a fol.* 278 sa 284.

ħafna flejjes u żmien, ġie mwaqqaf mill-atturi. Mistoqsi mill-Qorti[38] għalfejn kompla bix-xogħol tal-ewwel tip, meta l-attur ma kienx ħa aktar minnu, ix-xhud minflok wieġeb li meta waqqfu l-attur, dan kien b'*e-mail* u kien waqqfu għax-xogħol kollu. Il-konvenut qal, differentement milli kien qal qabel, li l-attur ma kienx daħħal *supplier* ieħor meta hu kien għadu qed jissupplixxih. Il-konvenut spjega li kien tella' *stock* ta' materjal mhux ħażin, li però kien għad irid jinħadem. Jgħid li l-attur bħala raġuni għaliex waqqfu, kien semma xi difetti żgħar f'medda ta' xi seba' metri. Il-konvenut jgħid li anki l-Periti Girogio Schembri u Alexander Cutajar kienu qalulu li kienu difetti żgħar li setgħu jittanġaw fuq il-post. Victor Galea jgħid li huwa suppost kellu jissupplixxi 1,700 metri lineari ta' kurduna u sostna wkoll li kienu l-atturi li riedu ċ-ċamfrin akbar.

Il-konvenut isemmi li huwa kien għamel ukoll appuntament il-*Public Works* mal-Periti Alex Cutajar u Anton Camilleri u kien mar mat-tifel tiegħu Clifton Galea u l-Perit tiegħu Daniel Micallef. Victor Galea jgħid li l-periti tal-*Public Works* kienu qalulu li ma setgħux jittrattaw miegħu u l-Perit Alex Cutajar qallu li hu qatt ma waqqaflu xogħlu. Il-konvenut ippreżenta ritratti tax-xogħol li kien għamel, tal-preparamenti li kellu jagħmel u tax-xogħol tal-kurduna u taċ-ċamfrin.[39]

Mistoqsi dwar id-danni li sofra, il-konvenut baqa' jinsisti li huwa spiċċa bi blokok għal dan il-proġett li ma ħadimhomx u kien irrifjuta xogħol ieħor għax kien qiegħed jipprepara għall-proġett ta' Ħad Dingli u meta waqqfu l-attur, spiċċa ma kellux xogħol ieħor. Galea jgħid li baqa' jsegwi x-xogħol tal-attur

[38] *A fol.* 259.
[39] *A fol.* 264 sa 272.

wara li ħadu ħaddieħor u seta' jara li kienu qed jużaw ġebla mhux bajda bħal tiegħu u ra difetti ferm agħar minn tiegħu. Victor Galea jgħid li x-xogħol tiegħu li twaħħal fuq il-post, baqa' hemm iżda ammetta wkoll li tħallas tiegħu.[40] Qal li ma jistax jifhem għaliex inqala' hu mill-proġett meta l-problema kienet ħaġa żgħira fuq xi seba' metri kurduna.

In kontroeżami l-konvenut Victor Galea jgħid li fl-ewwel ġimgħa ma waqax lura fix-xogħol u kien issupplixxa kemm suppost, però ma jafx kemm kien issupplixxa. Il-konvenut għamel riferiment għad-*delivery notes* u kkonferma li kienu dawk li ppreżenta l-attur. Mistoqsi jekk kellux xogħol ieħor għaddej max-xogħol mertu ta' din il-kawża, il-konvenut jgħid illi ma kellux xogħol ieħor. Ikkonfrontat bl-*e-mail* meta kien wieġeb lill-attur li kellu xogħol ieħor Bormla, Galea jgħid li dak ix-xogħol kien tħassar mill-kuntrattur ta' dak il-proġett. Ma kellu xejn bil-miktub dwar dan, imma qal li seta' jtella' lill-kuntrattur ta' dak il-proġett Carmelo Spiteri.[41] Victor Galea jammetti li l-ewwel ġimgħa beda bil-mod għax kien qed itella' l-i*stock* u għalhekk kien iffoka fuq il-qtugħ tal-blat. *A fol.* 281 però jgħid li kien impossibbli li jibda l-ewwel ġimgħa, iżda wara li qata' l-materjal għall-attur, dan ma bediex imur għalih. Il-konvenut jgħid illi kellu għandu sittin blokka ta' ħmistax-il tunnellata l-waħda li qata' għall-atturi u li kienu ilhom għandu madwar tliet snin, iżda wara spjega li dejjem ried ikollu *stock* għal xogħol dieħel u ħiereġ u bħala materjal maqtugħ u lest għall-atturi, kellu xi għoxrin *pallet*.

Mistoqsi kif qabel ma ppreżenta l-kontrotalba, ma kienx qal lill-attur biex jieħu l-materjal tiegħu, il-konvenut wieġeb illi hu kien talab lill-attur il-bilanċ dovut

[40] *A fol.* 277.
[41] Carmelo Spiteri ma ttellax jixhed mill-konvenuti.

għax mingħajr il-bilanċ ma setax ikompli. Mistoqsi kif qabel ma għamel sekwestru għas-somma ta’ €150,000, qatt ma talab lill-attur dan l-ammont ta’ flus, iżda kien talbu biss il-ħlas tal-bilanċ għal materjal ipprovdut fis-somma ta’ xi €3,000, il-konvenut wieġeb li wieħed irid jibda mill-bilanċ.[42]

Xehed ukoll iben il-konvenut **Clifton Galea**[43], li jaħdem fil-fabbrika tal-konvenut. Ix-xhud jgħid li skont il-kuntratt li kellhom mal-atturi, huma kellhom jissuplixxu 1,700 metru lineari ta’ kurduni, 600 metri kwadri *bush hammered* u 1,800 metri kwadri *planks.* Ix-xhud jispjega li dawn kellhom ikunu tal-*hardstone,* u spjega wkoll li biex jitħaffer, peress li l-ġebla Maltija magħmula minn franka, zonqor u zonqor tal-qawwi, tal-aħħar jitħaffer biċ-*chainsaw* u toħroġ blokka li joħduha mill-barriera għall-fabbrika fejn tinqata’ għall-qisien miftiehma. Ix-xhud jgħid li għandhom *in stock* materjal maqtugħ tal-attur u peress li ma hemmx qisien *standard,* diffiċli li dawn ibigħuhom lil ħaddieħor. Ix-xhud isostni li kif iffirmaw il-kuntratt bdew jinqatgħu l-*blocks* il-kbar u qal li l-attur ma kienx beda jiġbor il-materjal mill-ewwel, għax huma għall-bidu kienu qed jaqtgħu l-biċċiet kbar.[44] Iżda sostna li llum hemm kwantità ta’ materjal maqtugħ tal-attur li għadu il-fabbrika. Ix-xhud jgħid li l-atturi kellhom xi problemi mal-MEPA u filwaqt li kellhom jiġbru l-materjal kull ġimgħa, bdew jiġbru l-materjal regolarament fil-bidu, imma wara ma baqgħux jiġbru l-materjal regolarment. Ix-xhud sostna però li huma xorta baqgħu jaqtgħu l-materjal skont il-kwantità miftiehma fil-kuntratt. Ix-xhud jispjega li l-ewwel kienu stokkjaw il-materja prima kollha u wara bdew iqattgħu l-materjal skont il-qisien miftiehma. Fl-i*stock* kellhom kemm materjal imqatta’ skont il-qisien,

---

[42] *A fol.* 284.
[43] *A fol.* 335 sa 342 u kontroeżami *a fol.* 342 sa 377.
[44] *A fol.* 338.

kif ukoll blokki tal-materja prima, però ma kienx jafx jekk ikoprux il-kuntratt kollu, għax kien missieru li jieħu ħsieb dan.

Clifton Galea jgħid ukoll kwantu għall-ilmenti tal-atturi, hu kulma jaf kien fuq xi trufijiet, iċ-*chamfering* ta' madwar għaxar metri lineari ta' kurdun li setgħu jinbidlu f'erbgħa u għoxrin siegħa. Ix-xhud jgħid li kienu kellmu lill-perit tal-klijent li qal li jismu Alex Cutajar u dan qalilhom li ma kienx hemm problema u setgħu jkomplu.

In kontroeżami, Clifton Galea jgħid illi fil-kuntratt ma kienx involut, la fl-iffirmar u lanqas fin-negozjati għax hu ħaddiem fil-fabbrika ta' missieru, il-konvenut. Fl-2013 huwa kien il-*factory manager* u fir-rigward ta' dan il-kuntratt huwa kien responsabbli li jżomm *supply* biżżejjed u jieħu ħsieb il-*measurements.* Ix-xhud jgħid li wara l-iffirmar tal-kuntratt, huma kellhom jibdew bil-konsenji wara ġimagħtejn. Jiftakar li meta l-attur mar il-fabbrika tagħhom u wrewh il-proċess tal-qtugħ, spjegawlu li wara l-iffirmar tal-kuntratt ma setgħux jibdew jaqtgħu il-materjal mill-ewwel, għax l-ewwel kellhom jinqatgħu l-blokki u wara jinħadem il-materjal. Ikkonfrontat b'*delivery note* datata 18 ta' April, 2013[45], xi ġimagħtejn wara l-iffirmar tal-kuntratt, li turi kwantitajiet ferm inqas minn kemm kellhom jissuplixxu kull ġimgħa, ix-xhud jgħid li dan kien għax l-attur kien jieħu biss kemm kien ikollu bżonn. Ix-xhud jgħid li lill-Perit Cutajar kien kellmu darba u qallu li ma kienx hemm *issue* dwar iċ-*champhered edges* u li l-attur waqqafhom għax ried hu u mhux għax kien hemm xi *issue* mal-Gvern jew miegħu.

[45] *A fol.* 208.

Ix-xhud Clifton Galea jispjega li l-fabbrika u l-barriera qegħdin it-tnejn li huma fl-*Industrial Estate* ta' Ħ'Attard mikrija mill-Malta Industrial Parks. Ix-xhud jgħid li ma jiftakarx xogħlijiet oħra kbar li kellhom Bormla, l-Imdina u l-Belt, però jgħid li dawn kieku ma jkunux f'idu. Huwa kien iffukat biss fuq ix-xogħol għal Ħad-Dingli għax dak iż-żmien kien dan il-kuntratt biss li kien tħalla f'idu. Ix-xhud jgħid li l-blokok il-kbar kien jaqtagħhom missieru stess, u kkonferma li lill-attur qatt ma kien qallu biex imur għall-konsenji. Clifton Galea jgħid illi lill-attur kien rah mhux biss meta mar l-ewwel darba biex jispjegawlu x'jinvolvi x-xogħol, iżda anki meta ħallas depożitu ta' €5,000. Ix-xhud jgħid li kien sema' mingħand missieru li kien hemm ilmenti dwar il-kwalità tal-materjal. Qal li l-ilment kien fuq xi 12-il metru lineari dwar it-trufijiet u kienu bidluhom. Ix-xhud jiftakar li l-kuntratt kien iffirmat f'Marzu 2013 iżda ma jiftakarx meta ġie itterminat. Meta ġie ssuġġerit lix-xhud li l-kuntratt twaqqaf wara ħames ġimgħat minħabba dewmin fil-konsenji u mistoqsi għaliex id-*delivery notes* juru li darba minnhom kienu nġabru biss żewġ *pallets*, darb'oħra żewġ *pallets* u darb'oħra erba' *pallets*, ix-xhud wieġeb li ma jafx għaliex kienu nġabru ammonti żgħar. Ikkonfrontat b'ritratti mill-proċess fejn jidhru ċari qisien ma jaqblux, ix-xhud insista li l-qisien kienu tajbin u li kien it-tqegħid li sar ħażin. Qal ukoll li sar jaf li l-kuntratt intemm mhux mal-ħames ġimgħa, iżda meta missieru qallu xi tliet ġimgħat aktar tard u insista li x-xogħol f'dawk it-tliet ġimgħat baqa' għaddej għax fuq kollox kellhom kuntratt. Ix-xhud jgħid li għalkemm kellu aċċess għall-*e-mail* tal-fabbrika, sar jaf li ġie tterminat l-kuntratt mhux mill-*e-mail,* iżda meta qallu missieru. Ix-xhud jgħid ukoll li ma jafx iwieġeb għad-domandi tal-avukat tal-kontroparti, bħal kemm kien baqgħalhom *stock* tal-atturi fil-fabbrika u kemm kienu jlestu xogħol kull ġimgħa fl-2013. Ma setax jispjega għaliex il-klijent, l-attur, kien jieħu biss

ammonti żgħar meta kien ikollhom ferm iktar xogħol lest u fuq domanda tal-Qorti[46] x-xhud wieġeb qal li ma kienx staqsa r-raġuni għal dan.

**Kunsiderazzjonijiet legali**

Il-Qorti sejra l-ewwel teżamina l-eċċezzjonijiet preliminari tal-partijiet li huma ta' natura proċedurali. Skont il-ġurisprudenza kostanti tal-Qrati tagħna biex nuqqas iwassal għan-nullità ta' atti gudizzjarji, hemm bżonn li nuqqas ikun tali li ma jistax jiġi tollerat mingħajr ħsara għal xi prinċipju ta' ġustizzja proċedurali.[47] Difett proċedurali ma jġibx in-nullità tal-att jekk il-parti l-oħra ma tbatix xi preġudizzju serju.[48] Biex tiġi dikjarata nulla ċitazzjoni u jitwaqqaf il-kors tagħha, jinħtieġ li jkunu jikkonkorru raġunijiet gravi, fosthom nuqqasijiet ta' evidenti preġudizzju għad-difiża tal-konvenut.[49] Il-Qrati tagħna mhumiex favur il-formaliżmu esaġerat u fejn jistgħu jsalvaw l-atti u mhux jannullawhom. Il-prassi segwita mill-Qrati tagħna, anke a bażi tal-emendi introdotti bl-Att XXIV tal-1995, inkluż l-artikolu 175 tal-Kap. 12, hija li formaliżmu esaġerat ilu ħafna li ġie mnaqqas u limitat u bir-raġun il-liġi qiegħda tkun aktar inklinata li tkompli tillimita l-formaliżmu u n-nullitajiet ta' diversi forom li jnutruh[50], u konsegwentement l-atti għandhom jiġu salvati anzichè annullati jew dikjarati nulli.[51]

---

[46] *A fol.* 374.
[47] Ara Appell Ċivili Superjuri, **Ellul E. *vs.* Agnese Gera de Petri**, 21.04.1995.
[48] Ara **Attard Michael *vs.* Raymond Galea,** Q.A., 12.05.1998.
[49] Ara **Francis Xavier *sive* Mose Aquilina *vs.* Carmela *sive* Lina Aquilina**, Q.A., 21.03.1988.
[50] **Charles Fino *vs.* Alfred Fabri *noe***, Q.A., 28.02.1997; **Malta Development Corporation *vs.* Paul Licari**, P.A., 22.04.2004; **Maurizio Urso *vs.* Fr. Charles Cini**, P.A., 19.01.1999.
[51] **Ellul *vs.* Coleiro**, Q.A., 24.01.1994. Ara wkoll **Guillaumier Industries Ltd *vs.* Fava *et***, 28.10.1998; **Attard *noe vs.* Galea**, Qorti tal-Appell, 12.05.1998 u **Aquilina *vs.* Cassar**, Kollez. Vol.LXXVI.IV.666.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Vella *vs.* Cefai**[52], il-Qorti tal-Appell irriteniet li meta fl-att taċ-ċitazzjoni jkun hemm vjolazzjoni tal-forma, l-eċċezzjoni tan-nullità taċ-ċitazzjoni tista' tiġi milqugħa biss kemm-il darba dik il-vjolazzjoni tkun ġiebet lill-parti li titlob in-nullità preġudizzju li ma jistax jissewwa xort'oħra ħlief billi l-att jiġi annullat. Inoltre l-Qorti kompliet tafferma li f'dawn il-każijiet huwa dejjem opportun li l-Qorti, kemm jista' jkun għall-pratticità u sabiex tiġi evitata multiplikazzjoni ta' kawżi u spejjeż żejda, għandha tkun iebsa meta tilqa' l-eċċezzjoni tan-nullità u kemm jista' jkun għandha ssalva atti ġudizzjarji. Att ta' ċitazzjoni għandu jiġi mwaqqa' u annullat biss għal raġunijiet gravi. In-nullità tal-atti ġudizzjarji hija sanzjoni estrema li l-liġi trid li tiġi imposta biss meta n-nuqqas – formali jew sostanzjali – fl-att ma jistax assolutament jiġi tollerat mingħajr ħsara għal xi prinċipju ta' ġustizzja proċedurali.[53]

Fuq kollox huwa pprovdut fil-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, fl-artikolu 789(1) tiegħu:

> "**789.** (1) L-eċċezzjoni ta' nullità tal-atti ġudizzjarji tista' tingħata -
>
> (a) jekk in-nullità hija iddikjarata mil-liġi espressament;
>
> (b) jekk l-att jinħareġ minn qorti mhux kompetenti;
>
> (ċ) jekk fl-att ikun hemm vjolazzjoni tal-forma meħtieġa mil-liġi, ukoll jekk mhux taħt piena ta' nullità, kemm-il darba dik il-vjolazzjoni tkun ġiebet, lill-parti li titlob in-nullità, preġudizzju illi ma jistax jissewwa xort'oħra ħlief billi l-att jiġi annullat;
>
> (d) jekk l-att ikun nieqes minn xi partikolarità essenzjali espressament meħtieġa mil-liġi:

[52] Appell Ċivili, 04.11.1991, Vol.LXXV.II.467.
[53] **S.M.T. Developers Limited u Bathroom Styles Limited vs. Soap and Sponge Limited**, Q.A., 06.02.2015

> Iżda dik l-eċċezzjoni ta' nullità kif maħsuba fil-paragrafi (a), (ċ), u (d) ma tkunx tista' tingħata jekk dak in-nuqqas jew vjolazzjoni jkunu jistgħu jissewwew taħt kull disposizzjoni oħra tal-liġi."

Issa l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti tgħid illi r-Rikors Maħluf tal-atturi huwa null għax mhux maħluf skont kif jitlob l-artikolu 156(3) tal-Kap. 12, li jgħid:

> "(3) Ir-rikors ġuramentat għandu jiġi konfermat bil-ġurament quddiem ir-reġistratur jew prokuratur legali maħtur bħala Kummissjunarju b'setgħa li jagħti ġurament taħt l-Ordinanza dwar il-Kummissjunarji b'setgħa li jagħtu Ġurament."

Għalfejn ingħatat din l-eċċezzjoni, ma jirriżulta bl-ebda mod mill-provi. Bħal donnu din l-eċċezzjoni, kif ukoll it-tieni u t-tielet eċċezzjonijiet, ingħataw biex ikunu ngħataw u mbagħad ġew minsijin mill-konvenuti li tawhom. Min jallega jrid jipprova hu dak li jallega, ossija *onus probandi incumbit ei qui dicit non ei qui negat*, u l-Qorti trid timxi fuq il-provi mressqa minn min ikun qed jallega, f'dan il-każ il-konvenuti. Għandu jingħad li l-ewwel eċċezzjoni hi għalkollox vessatorja 'l ghaliex minn *a fol.* 3 tal-proċess għandu jirriżulta b'mod ċar li l-Rikors ġie maħluf mill-attur Vincent Zammit quddiem il-Prokuratur Legali Edgar Montanaro.

Rigward it-tieni eċċezzjoni, illi ma ġietx ippreżentata flimkien mar-Rikors Maħluf lista ta' dokumenti skont l-artikolu 156(2) tal-Kap. 12 u/jew mhux notifikati lill-konvenuti kif titlob l-artikolu 156(7) tal-Kap. 12 u konsegwentement l-inammissibilità ta' kull dokument li jista' jiġi ppreżentat, din l-eċċezzjoni m'għandhiex tiġi milqugħa stante li l-artikolu 156(2) veru li jispeċifika li flimkien mar-rikors maħluf għandhom jinġiebu d-dokumenti

meħtieġa biex isaħħu t-talba, imma din id-dispożizzjoni mhijiex waħda tassattiva bħal fil-każ tax-xhieda illi jekk ma jkunux ġew indikati fir-rikors maħluf, il-Qorti skont l-artikolu 156(7) tal-Kap. 12 ma għandha tħalli lil ebda xhud jinġieb sakemm dan ma jkollux ismu mniżżel flimkien mar-rikors.[54]

Illi kwantu għat-tielet eċċezzjoni preliminari tal-konvenuti, li l-atturi ma ppreżentawx lista tax-xhieda skont l-artikolu 156(4) tal-Kap. 12, fattwalment dan mhux korrett għax il-lista tax-xhieda tinsab *a fol.* 3 tal-proċess. Jekk din il-lista tax-xhieda ma ġietx notifikata lill-konvenuti, dawn kellhom rimedju faċilissimu li jitolbu kopja tagħha, però lanqas ta' dan ma ġabu prova l-konvenuti.

Dwar l-eċċezzjoni tal-atturi rikonvenzjonati għall-kontrotalba tal-konvenuti rikonvenzjonanti, fejn ġiet eċċepita n-nullità tal-kontrotalba peress li din ma għandhiex lista ta' xhieda, ċertament li dan bl-ebda mod ma jimporta n-nullità tal-att u dan għall-istess raġunijiet li ngħataw fir-rigward tal-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti. Din l-eċċezzjoni għandha għalhekk tiġi riġettata wkoll.

Illi kwantu għar-raba' eċċezzjoni tal-konvenuti, li l-konvenut Victor Galea mhux il-leġittimu kontradittur fil-proċeduri odjerni u għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju għax il-mertu jirrelata dwar il-kuntratt ta' appalt, u dan sar bejn l-atturi u s-soċjetà konvenuta, fil-kuntratt tat-30 ta' Marzu, 2013[55] jirriżulta li Victor Galea kien deher *"for and on behlaf of V.G. Tiles Co. Limited".* Ma nġabu ebda provi mill-atturi li l-konvenut kien żgwidhom b'xi

[54] Dan dejjem jekk ma jikkonkorrux elementi oħra imsemmijin fl-istess sub-artikolu fejn il-Qorti tista' taċċetta xhieda oħra.
[55] *A fol.* 5 tal-atti tar-Rikors Revoka 1148/14LM

mod li kien qed jagħmel tali negozju f'ismu proprju. Ma jistgħux l-atturi jinsistu li għandu ikun hemm responsabbilità *in solidum* għax ma saret ebda garanzija personali minn Victor Galea għall-obbligi tas-soċjetà konvenuta. Fin-nuqqas ta' provi da parti tal-atturi li Victor Galea kien b'xi mod qed jaġixxi fil-vesti tiegħu personali u mhux biss għan-nom tas-soċjetà konvenuta, din l-eċċezzjoni tal-konvenuti għandha tiġi milqugħa. Tabilħaqq l-attività tas-soċjetà konvenuta hija negozju tal-familja relattivament żgħir, fejn is-sehem attiv tal-attur l-aktar li jispikka aktar. Però l-atturi kienu jafu li Victor Galea kien qiegħed jaġixxi dejjem għan-nom tas-soċjetà konvenuta. Tant hu hekk meta l-attur bagħat *e-mail* lill-konvenut biex iwaqqaf is-sub-appalt[56], jgħid: *".....is giving the order to stop all supplies from V.G. Tiles Co. Ltd. due to low quantities ....V.G. Tiles will be responsible for an(y) los(s) of time...and los(s) of profit due ....V.G. Tiles still have to fix...."*. Ammissjoni aktar minn hekk fiż-żmien opportun li l-kwistjoni kollha kienet mas-soċjetà konvenuta kif rappreżentata mill-konvenut, ma jistax ikun hemm.

Kwantu għall-mertu tal-kawża l-Qorti sejra tislet mill-provi prodotti quddiemha l-elementi fattwali saljenti li tqis li huma rilevanti għall-każ, tenut kont taż-żewġ verżjonijiet konfliġġenti tal-partijiet dijamettrikament opposti għal xulxin, filwaqt li ser tqis il-punti ta' dritt li huma applikabbli għall-fattispeċi tal-kawża odjerna bil-għan li tiġi riżolta din il-vertenza. Meta jkun hemm kuntrast bejn ix-xhieda tal-partijiet, il-kriterju determinanti mhuwiex jekk il-ġudikant assolutament jemminx dak li jkun ġie spjegat lilu, iżda jekk dawk l-ispjegazzjonijiet humiex verosimili fiċ-ċirkostanzi żvarjati tal-ħajja.[57] Il-grad ta' prova rikjest fil-kamp ċivili huwa dak li biżżejjed li jkun inissel ċertezza

---

[56] *A fol.* 207.
[57] **Borg vs. Bartolo**, Appelli Inferjuri, 25.06.1980.

morali f'moħħ il-ġudikant li tkun indotta minn preponderanza ta' provi meqjusa fuq bilanċ ta' probabbilitajiet.[58]

Mhux l-ewwel darba li Qorti tkun rinfaċċjata b'verżjonijiet opposti għal xulxin; anzi, meta każ ikun kontestat fuq il-provi u mhux fuq l-interpretazzjoni tal-liġi, x'aktarx li huwa proprju dan li jiġri, ċjoè li jkun hemm verżjonijiet konfliġġenti. Dwar il-fatt li jkun hemm żewġ verżjonijiet dijamettrikament opposti, ingħad:

> "Mhux kwalunkwe tip ta' konflitt għandu jħalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessità li minħabba fih ma tkunx tista' tiddeċiedi b'kuxjenza kwieta u jkollha taqa' fuq ir-regola tal-*in dubio pro reo*. Il-konflitt fil-provi, sakemm il-bniedem jibqa' soġġett għall-iżbalji tal-perċezzjonijiet tiegħu u għall-passjoni, huma ħaġa li l-Qrati jridu jkunu dejjem lesti għaliha. Meta l-każ ikun hekk, il-Qorti m'għandhiex taqa' ċomb fuq l-iskappatoja tad-dubbju, imma għandha teżamina bl-akbar reqqa jekk xi waħda miż-żewġ verżjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilità u speċjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, għandhiex teskludi lill-oħra, anke fuq il-bilanċ tal-probabbilità u tal-preponderanza tal-provi, għax dawn, f'kawża ċivili, huma ġeneralment suffiċjenti għall-konvinċiment tal-ġudikant ... Anzi, f'każijiet bħal dawn, aktar ma jkun il-konflitt bejn verżjoni u oħra, aktar tidher il-possibbilità ta' qerq da parti ta' xi wieħed mill-kontendenti."[59]

Bl-istess mod, il-Qorti tal-Appell fit-2 ta' Gunju, 2003, fil-kawża fl-ismijiet **Middle Sea Insurance p.l.c. *noe vs*. Victor Sammut** irreteniet illi:

> "F'każ ta' konflittwalità l-Qorti trid tadopera aktar attenzjoni biex proprju taċċerta ruħha jekk xi waħda miż-żewġ verżjonijiet possibbli għandhiex teskludi lill-oħra, anke fuq l-bilanċ tal-probabilitajiet, tal-preponderanza u tal-verosimiljanza tal-provi." Għalhekk fil-konflitt ta' verżjonijiet li jesisti f'din il-kawża għandu jiġi eżaminat liema waħda mit-

[58] *Vide* wkoll **Caruana *vs.* Laurenti,** P.A., 08.04.1994, **Borg *vs. Manager* tal-Intrapriża tal-Ħalib,** P.A., 17.07.1981, **Vassallo *vs.* Pace (**Vol.LXX.II.144) u **Zammit *vs.* Petrococchino,** App.Kum., 25.02.1952.
[59] **Carmelo Farrugia *vs.* Rokku Farrugia**, P.A., 24.11.1966.

teżijiet konfliġġenti hi l-aktar attendibbli. Għandu jiġi eżaminat jekk xi waħda mill-verżjonijiet hi sostnuta mill-provi prodotti. Jekk jeżistu tali provi konsegwentement ikun hemm sostenn qawwi u definittiv lil xi waħda mill-verżjonijiet li allura jista' jingħad li hi korroborata. Għandu jiġi eżaminat ukoll jekk jeżistix xi fatt li jwassal għall-konklużjoni liema verżjoni tirrispekkja r-realtà tal-fatti, u kwindi għandha tiġi aċċettata bħala dik veritiera u attendibbli."[60]

Illi fil-fatt fis-sentenza **Brigitte Vella** ***pro et noe vs.*** **Richard Vella**[61] ġie ritenut li:

"Mhux kwalunkwe tip ta' konflitt għandu jħalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessità li minħabba fih ma tkunx tista' tiddeċiedi b'kuxjenza kwieta u ikollha taqa' fuq ir-regola "*in dubio pro reo*". Il-konflitt tal-provi, sakemm il-bniedem jibqa' soġġett għall-iżbalji tal-perċezzjoni tiegħu u għall-passjoni, huwa ħaġa li l-Qrati jridu jkunu dejjem lesti għaliha, imma meta dan il-kunflitt ma jkunx ġej minn sempliċi differenza ta' opinjoni fuq affarijiet li jippermettu ċertu grad ta' tolleranza u li għalihom sewwa ingħad "*tot homines tot sentetiae*", u lanqas ma jkun ġej minn versjonijiet differenti "*bona fide*" fuq inċidenti li jiġru u jintemmu malajr u għallarrieda eż. identità, veloċità ta' veikoli, u ċirkostanzi oħra subitanei li fuqhom skont l-esperjenza komuni, is-sensi jistgħu jitqarqu, imma għall-kuntrarju dan il-konflitt ikun jirrigwarda fatti u abitudinijiet li jkunu setgħu ġew osservati f'perjodu twil ta' snin bħal f'dan il-każ, allura isir ċar li wieħed mill-kontendenti jkun ħalla l-interess u l-passjoni tiegħu jegħlbuh u b'hekk jabbuża mill-proċess ġustizzja. Meta l-każ ikun hekk il-Qorti m'għandhiex taqa' ċomb fuq l-iskappotoja tad-dubju, imma għandha teżamina bl-ikbar reqqa jekk xi waħda mill-verżjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji ta' kredibilità u speċjalment dawk tal-konsistenza u versosimiljanza, għandhiex teskludi lill-oħra, anke jekk fuq bilanċ tal-probabilità u preponderanza tal-provi, għax dawn, f'kawżi ċivili, huma ġeneralment suffiċjenti għall-konvinċiment tal-ġudikant".

[60] Ara wkoll **Dr Elizabeth Vella M.D.** ***vs.*** **Bieb Bieb Limited** ***et.***, P.A., 09.12.2011.
[61] Q.A., 05.10.2001.

Din il-Qorti tagħmel riferiment ukoll għas-sentenza fl-ismijiet **Joseph Tonna *vs.* Philip Azzopardi** fejn ingħad illi:

> "In materja ta' provi, r-regoli l-aktar prevalenti fl-ordinament ġuridiku tagħna jidhru li huma dawn:
>
> a) Ibda biex ir-regola tradizzjonali tal-piż tal-provi timponi a kariku tal-parti li tallega fatt l-oneru li ġġib il-prova tal-eżistenza tiegħu. Tali oneru hu ugwalment spartit bejn il-kontendenti, sija fuq l-attur li jsostni l-fatti favorevoli li jikkostitwixxu l-bażi tad-dritt azzjonat minnu *(actori incumbit probatio),* sija fuq il-konvenut għas-sostenn tal-fatt miġjub minnu biex jikkontrasta l-pretiża tal-attur *(reus in excipiendo fit actor)* – Ara **Vol. XLVI, P.i, p.5**.
>
> b) Fil-kors tal-kawża dan il-piż jista' joxxilla minn parti għall-oħra, għax, kif jingħad, 'jista jkun ġie stabbilit fatt li juri *prima facie* li t-teżi tal-attur hija sostenuta – Ara **Vol. XXXVII, P.i, p.577**;
>
> ċ) Il-ġudikant adit mill-meritu tal-każ hu tenut jiddeċiedi *iuxta allegata et probata*, u dan jimporta illi d-deċiżjoni tiegħu tiġi estratta unikament mill-allegazzjoni tal-partijiet. Jiġifieri, minn dawk iċ-ċirkustanzi tal-fatti dedotti għab-bażi tad-domanda jew tal-eċċezzjoni u l-provi offerti mill-partijiet. Jikkonsegwi illi d-dixxiplina tal-piż tal-provi ssir bażi tar-regola legali tal-ġudizzju in kwantu timponi fuq il-ġudikant il-konsiderazzjoni li l-fatt allegat mhuwiex veru għax mhux ippruvat;
>
> d) Il-valutazzjoni tal-provi hu fondat fuq il-prinċipju tal-konvinċiment liberu tal-ġudikant. Lilu hu mogħti l-poter diskrezzjonali tal-apprezzament tar-riżultanzi probatorji u allura hu liberu li jibbaża l-konvinċiment tiegħu minn dawk il-provi li hu jidhirlu li huma l-aktar attendibbli u idoneji għall-formazzjoni tal-konvinċiment tiegħu. Naturalment dik id-diskrezzjoni tiegħu hi soġġetta għal dak il-limitu legali impost fuqu mill-artikolu 218 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili li jrid li fis-sentenza tingħata motivazzjoni raġonata li tikkonsenti l-kontroll tal-ħsieb loġiku segwit fuq appell interpost mis-sentenza. Motivazzjoni din, li jekk jinstab li tirrispondi mal-loġika u r-razzjonalità, kif ukoll koerenti mal-elementi utilizzati allura skont

ġurisprudenza konkordi, ma tiġix disturbata minn Qorti ta' reviżjoni – Ara b'eżempju **Ramchand Kilumal *noe vs.* Jessie Blanco** – App. 30 ta' Ġunju, 1912, Kollez. Vol. XXIV. P.i, p.104." [62]

Fl-aħħar nett jingħad fil-kawża fl-ismijiet **Lawrence u Anthony Fino *pro et noe vs.* Joseph u Charles Fino**[63]:

"Kif tajjeb għalhekk ġie ritenut mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fis-sentenza in re: **Enrico Camilleri *vs.* Martin Borg**, mogħtija fis-17 ta' Marzu, 2003 (ara wkoll sentenzi b'deċiżjonijiet simili in re: **E Zammit *vs.* Petrococchino**, Qorti ta' l-Appell, 25 ta' Frar, 1952; u **Paul Vassallo *vs.* C. Pace**, Appell Ċivili, 5 ta' Marzu, 1986),"Il-ġudikant fil-kamp ċivili, għandu jiddeċiedi fuq il-provi li jkollu quddiemu, meta dawn jinduċu fih dik iċ-ċertezza morali li kull tribunal għandu jfittex, u mhux fuq sempliċi possibilitajiet, imma dik iċ-ċertezza morali hija biżżejjed, bħala li hija bażata fuq il-preponderanza tal-probabiltajiet"."[64]

Illi applikati dawn il-prinċipji li jitnisslu mill-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna għall-fattispeċi tal-kawża odjerna, din il-Qorti tirrileva li mill-kontroeżami tal-attur Vincent Zammit, jirriżultaw għadd ta' dettalji ineżatti u skorretti. Meta l-attur ġie kkonfrontat bl-ittra tal-Perit Alexander Cutajar *a fol.* 214 datata Jannar tal-2014, meta s-soċjetà konvenuta kienet ilha li ġiet imwaqqfa, l-attur jammetta li dan kien żball tiegħu u fil-fatt dik l-ittra kienet qed tirreferi għas-*supplier* il-ġdid li kellu problemi miegħu wkoll u mhux għad-difetti li nstabu fix-materjal ipprovdut mis-soċjetà konvenuta. Hekk ukoll meta l-attur ġie kkonfrontat bix-xhieda tal-perit tal-Gvern, il-Perit Alexander Cutajar, li mill-memorja jiftakar difetti fix-xogħol tas-soċjetà konvenuta għal tul ta' 20 jew 30 metri lineari, l-attur jgħid li kien hemm aktar minn hekk. Mill-banda l-oħra

[62] App. Inf., 12.04.2007.
[63] Q.A. (Sede Superjuri), 24.09.2004.
[64] Ara wkoll **Bugeja *vs.* Mejlaq**, P.A., 30.10.2003.

kemm l-attur u kemm il-perit tiegħu Giorgio Schembri qalu li l-aktar li kellhom problemi kien fuq id-dewmien. Fl-aħħar nett meta l-attur ġie mistoqsi dwar d-dati tal-istimi l-oħra li kien ġab mingħand Agius Marble Works datata 2 ta' April, 2013 li kienet qabel l-*order to start works* tal-4 ta' April, 2013, u dik ta' A.F. Ellis Marble Works li kienet datata 16 ta' April, 2013, ma kienx jaf jispjega kif dawn l-istimi nġiebu qabel jew ġimgħa biss wara li kellu jibda l-kuntratt l-konvenut, meta dawn l-istimi suppost li kienu nġiebu proprju minħabba n-nuqqas tal-konvenut li jżomm mal-kuntratt. Però fix-xhieda tiegħu aktar tard, l-attur jispjega li dejjem kien ikollu lista ta' *suppliers* oħrajn għal li jista' jinqala' f'każ ta' problemi mas-*supplier* magħżul. Il-Qorti tista' tifhem illi meta wieħed qed jixhed snin wara l-akkadut u jippreżenta provi u dokumentazzjoni, huwa inevitabbli li jsiru ċerti żbalji u jingħadu ċerti ineżattezzi fix-xhieda. Iżda l-qofol tal-kwistjoni f'din il-kawża huwa jekk is-soċjetà konvenuta kinitx qiegħda tipprovdi xogħol ħażin lis-soċjetà attriċi li jwassal għal dewmien żejjed u f'ħin mitluf f'tiswijiet u jekk kinux qegħdin isiru wkoll konsenji tardivi u mhux skont il-kuntratt tat-30 ta' Marzu 2003. Fl-assjem tagħha ix-xhieda tal-attur, fir-rigward ta' dawn iż-żewġ fatturi, taqbel sew ma' dak illi xehed il-perit tas-soċjetà attriċi Giorgio Schembri, li għad li żgur ma jistax jissejjaħ indipendenti mill-partijiet, mill-banda l-oħra dan ma kellu ebda raġuni għalfejn ma jkomplix bl-istess *supplier* jekk dan kien tassew qiegħed jimxi sew skont il-kuntratt. Wara kollox kien il-perit Giorgio Schembri li kien introduċa lil Victor Galea ma' Vincent Zammit. Dak li qal l-attur fix-xhieda tiegħu huwa korraborat ukoll bix-xhieda tal-perit tal-Gvern, ċertament indipendenti f'din il-kwistjoni, li jiftakar li li kien hemm ukoll problemi mas-soċjetà konvenuta dwar dewmien u xogħol difettuż.

Il-Qorti hija konvinta li l-unika raġuni għalfejn l-attur waqqaf lis-soċjetà konvenuta kienet id-dewmien fil-konsenji u x-xogħol difettuż li kienet qed tipprovdi, li wassal biex l-atturi daħlu fi spejjeż addizzjonali u ta' ħaddiema li ma kienx qed ikollhom biżżejjed x'jagħmlu, apparti li dakollu seta' ġab lill-atturi f'sitwazzjoni fejn minħabba f'hekk ma jżommux mat-termini kuntrattwali miftiehma mal-Gvern. Tqis illi altrimenti m'hemm ebda spjegazzjoni oħra razzjonali għal dak illi seħħ. Il-konsenji fi kwantitajiet ferm inqas minn dak li kien ġie miftiehem mill-partijiet, jirriżultaw mid-*delivery notes* infushom, u l-ispjegazzjoni tat-tifel tal-attur, Clifton Galea li kien l-attur li ma kienx qiegħed jieħu l-konsenji kollha li skont Galea kienu jitlestew fil-ħin, mhijiex kredibbli u hija inverosimili għall-aħħar. Ir-ritratti li ġew ippreżentati kemm mill-atturi, kif ukoll mill-perit tal-Gvern Alexander Cutajar, juru xogħol ħażin u mhux skont is-sengħa u l-arti li kien ġie ipprovdut mis-soċjetà konvenuta.

Il-konvenut jgħid li meta bdew iħaffru, sabu saffi ta' materjal ieħor, apparti il-*hardstone,* li ma kienx sewwa li jintilef jew jitkisser biex jaslu għal-livell li riedu, għax dan kellu valur għal proġetti oħra. Il-Qorti tqis fuq bażi ta' probabbilitajiet illi din kienet ir-raġuni vera u proprja għalfejn kien hemm dewmien fil-konsenji min-naħa tas-soċjetà konvenuta. Dan joħroġ ċar ukoll mix-xhieda ta' iben il-konvenut Clifton Galea, li filwaqt li insista ċjekament, mingħajr ma kellu idea preċiża tal-kwantitajiet li kienu qegħdin jipprovdu, li kienu qegħdin jipprovdu skont il-kwantitajiet miftiehma fil-kuntratt tat-30 ta' Marzu, 2013, bl-ispjegazzjonijiet li ta illi effettivament kienu ffukati fuq li l-ewwel iħaffru u jtellgħu l-materjal fi blokki, il-Qorti tasal għall-konklużjoni li

kien dan il-fattur li kien ikkawża d-dewmien fil-konsenji da parti tas-soċjetà konvenuta.

L-inkonsistenzi fix-xhieda tal-konvenut u ta' ibnu Clifton Galea, kienu preċiżament fuq il-punti in kontestazzjoni f'din il-kawża. Il-konvenuti jgħidu li kemm il-perit tal-attur, Giorgio Schembri u kemm il-perit tal-Gvern, Alexander Cutajar, tawhom raġun. Mix-xhieda ta' dawn il-periti jirriżulta proprju l-oppost. Il-perit tal-Gvern Alexander Cutajar kien qal lill-konvenut u lil ibnu li hu ma jistax jitkellem mas-sub-kuntratturi għax il-kuntratt tal-Gvern kien mal-kuntrattur, is-soċjetà attriċi, u qalilhom li jekk ġew imwaqqfa milli jissuplixxu, din il-kwistjoni kellhom jarawha mal-atturi. Però, kemm il-konvenut u kemm ibnu qalbu kliem il-Perit Cutajar ta' taħt fuq meta xehdu illi l-Perit Cutajar kien kuntent bix-xogħol tagħhom u ma kienx hemm problema u setgħu jkomplu.

Illi l-abbli avukat difensur tal-atturi fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu jenfasizza l-fatt li l-konvenuti għażlu li ma jagħmlux kontroeżami tax-xhud il-Perit Alexander Cutajar (il-perit tal-Gvern) u jiċċita ġuristi Anglo-Sassoni li jsostnu saħansitra li dan in-nuqqas jimplika illi dik il-parti li tiddeċiedi li ma tagħmilx il-kontroeżami, qiegħda taċċetta dak li jkun iddepona x-xhud bħala l-verità. Ir-rinunzja għall-kontroeżami tax-xhieda tal-perit tal-Gvern Alexander Cutajar, xhieda pjuttost kruċjali għal din il-vertenza, anki jekk mhux neċessarjament tfisser l-aċċettazzjoni ta' dak li ddepona x-xhud bħala l-verità, ċertament huwa fattur li għandu jingħata tifsira, tenut kont tal-inkonsistenzi fix-xhieda tal-konvenut u ta' ibnu. Il-konvenut u ibnu kkonfrontati bid-*delivery notes* maħruġa mis-soċjetà konvenuta li jevidenzjaw li din ma kinitx qiegħda żżomm mat-termini tal-kuntratt tat-30 ta' Marzu, 2013, l-ispjegazzjonijiet li taw Victor u Clifton Galea ma kienu xejn kredibbli. Anki l-fatt li s-soċjetà

konvenuta ddeċidiet li taġixxi għad-danni pretiżi fis-somma ta' €150,000 permezz tal-kontrotalba f'din il-kawża u mhux qabel, u l-fatt li l-uniċi proċeduri li kienet istitwiet qabel, kienu dawk quddiem it-Tribunal Għal Talbiet Żgħar għas-somma ta' €2,807.35, bilanċ ta' materjal konsenjat li kien għadu mhux imħallas[65], inaqqas ferm il-kredibbilità tal-konvenuti. Mistoqsi mill-kontroparti biex jagħti spjegazzjoni loġika għal dan, il-konvenut jgħid[66], mingħajr konvinzjoni li wieħed irid jibda mill-bilanċ, anzi jgħid li kien tħallas tal-materjal kollu li l-atturi kienu ħadu mingħandu.[67]

Din il-Qorti mhux ser tagħmel riferiment għad-deċizjoni fil-proċeduri għar-revoka tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 1942/2014 AE[68], kif qed donnhom jippretendu l-atturi fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom, għax kif ġie affermat kostantement fil-ġurisprudenza nostrali, il-fatt li jintlaqa' mandat ta' sekwestru kawtelatorju ma jfissirx li l-mertu ġie ppruvat, daqskemm ukoll li l-fatt li ma ntlaqax tali mandat jew ġie revokat, ma jfissirx li l-parti ma tistax tipprova t-teżi tagħha meta tiġi fl-istadju tal-kawża fil-mertu.[69]

Illi s-soċjetà konvenuta minkejja li kellha kull opportunità li tagħmel il-prova ta' danni allegatament subiti minnha, hija naqset milli tagħmel dan u għamlet riferiment biss għal *stock* li kien għadu fil-fabbrika tagħha mingħajr ma tagħti ebda dettall tal-valur tiegħu fis-suq. Clifton Galea, iben l-konvenut jammetti li l-konvenut avżah bit-terminazzjoni tal-kuntratt tliet ġimgħat wara li l-atturi

[65] Talba Numru 455/2014 DMA quddiem it-Tribunal Għal Talbiet Żgħar, liema proċeduri kienu sussegwentement ġew irtirati mis-soċjetà konvenuta.
[66] *A fol.* 284.
[67] *A fol.* 277.
[68] Ara n-nota f'qiegħ il-paġna numru 1.
[69] Ara d-deċiżjoni fl-ismijiet **Stanley Desmond Stewart *vs.* Therese Galea Mangion**, P.A.(JRM), 29.07.2005.

tterminaw il-kuntratt mas-soċjetà konvenuta, u sadanittant, sakemm avżah missieru, baqa' jqatta' x-xogħol għal dan il-proġett.

Tenut kont ta' dawn l-inkonsistenzi, il-Qorti tqis illi għandha toqgħod fuq il-verżjoni tal-atturi li l-ħall tal-kuntratt kien ġustifikat minħabba l-inadempjenza da parti tas-soċjetà konvenuta u li l-verżjoni tal-konvenuti li ma kien hemm ebda raġuni valida għall-ħall tal-kuntratt, mhijiex kredibbli u m'għandhiex tingħata affidabbilità mill-Qorti.

Tqis illi l-atturi rnexxilhom jippruvaw sodisfaċentement id-danni li huma qegħdin jikkontendu li sofrew. Biex jasal għad-danni li sofrew l-atturi, l-attur beda mill-*bill of quantities* ippreparat mill-perit tal-Gvern u abbażi ta' dan, l-attur ħadem bil-prezzijiet li fuqhom kien ftiehem mas-soċjetà konvenuta u bil-prezzijiet tas-*suppliers* il-ġodda, u permezz tal-prospett li jinsab esebit *a fol.* 233 tal-proċess, ikkalkula kemm ħallas iżjed għall-materjal li xtara mis-*suppliers* il-ġodda komparat ma' dak li kien ser iħallas bil-prezzijiet tal-kuntratt li kellu mas-soċjetà konvenuta, għall-istess xogħol, u wasal għas-somma ta' <u>€24,362.74</u>, inkluża l-VAT.

Min-naħa tas-soċjetà konvenuta, kif diġà ngħad, din bl-ebda mod ma ssostanzjat id-danni li allegatament sofriet. Apparti minn hekk Victor Galea xehed *a fol.* 277 tal-proċess, li huwa kien tħallas tal-materjal kollu li kienu ħadu l-atturi.

Illi fil-każ *de quo*, wara l-analiżi tal-provi, hu essenzjali li tiġi stabbilita n-natura ġuridika tal-kuntratt tat-30 ta' Marzu, 2013 bejn il-kontendenti f'din il-kawża.

Dan għaliex rimedji fir-rigward ta' kuntratt ta' sempliċi bejgħ ta' materjal u r-rimedji fir-rigward kuntratt ta' appalt, huma ta' bixra differenti. Kwantu għad-differenza bejn dawn iż-żewġ tipi ta' kuntratti, fis-sentenza studjata fl-ismijiet **Anthony Marcel Pace Asciaq *noe. vs.* Joseph Camilleri *et.*** intqal dan li ġej:[70]

> "Jixraq fl-ewwel lok li tiġi indagata u epurata sew il-kontroversja sorta bejn il-kontendenti f'din il-kawża. Jiġifieri dik jekk il-figura ġuridika tan-negozju intervenut bejniethom għandhiex tiġi klassifikata bħala "*vendita*" kif pretiż mill-attur *nomine* ossija "*locatio operis*", kif hekk ritenut mill-konvenuti proprju fl-ewwel eċċezzjoni tagħhom għall-azzjoni prinċipali;
>
> Indubbjament l-istabbilizzar ta' din il-figura ġuridika hi ta' vitali importanza in kwantu ż-żewġ istituti, distintament kollokati fil-Kodiċi Ċivili, jipprovdu rimedji ben diversi. In effetti kieku l-Qorti kellha taċċetta l-veduta tal-perit legali illi fil-każ in eżami si tratta minn kuntratt ta' bejgħ, allura diffiċilment, imbagħad, seta' jsegwi illi l-istess perit legali jissofferma fuq it-tieni eċċezzjoni tal-konvenuti u tal-kontro-talba tagħhom billi dawn huma espressament arġinati fuq l-istitut tal-appalt in kwantu għall-kontenzjoni illi x-xogħol ma ġiex eżegwit skont l-arti u s-sengħa u kien ukoll inkompletat;
> Minn dak rinvenut fil-Kodiċi Ċivili jirriżulta li r-rimedji miftuħa lix-xerrej f'każ ta' vendita huma essenzjalment dawk dettati mill-artikoli 1390 u 1427. Rimedji li fil-każ tal-ewwel artikolu bażat fuq in-nuqqas tal-kwalità mwegħda, jakkorda lix-xerrej, fil-mument tal-konsenja tal-oġġett mibjugħ, li jagħżel jew li jirrifjuta l-ħaġa u jitlob ukoll id-danni jew li jirċievi l-ħaġa bi prezz anqas fuq stima ta' perit.
>
> Fil-każ tat-tieni, bażat fuq il-garanzija għad-difetti li ma jidhrux, il-liġi wkoll tassenjalu d-dritt tal-għażla wara r-riċezzjoni tal-oġġett, jiġifieri jew li jirreċedi mill-bejgħ bl-azzjoni redibitorja jew li jżomm il-ħaġa u jitlob lura dik il-biċċa mill-prezz li tiġi stabbilita mill-Qorti u li tirrappreżenta l-valur tad-difett riskontrat, bl-azzjoni proprjament imsejħa estimatorja;

[70] P.A., 28.01.2004.

Huma dawn ir-rimedji li l-liġi tipprovdi lix-xerrej u allura l-kwestjoni jekk ix-xogħlijiet sarux sew u skont l-arti u s-sengħa strettament ma tiċċentra xejn f'negozju ġuridiku bħal dan ta' komprovendita;

Premess dan li fuq ġie ravvisat, huwa innegabbli illi l-kompitu fir-riċerka tal-kriterju distintiv bejn "*vendita*" u "*locatio operis*" mhux nieqes minn diffikoltajiet.

Dan hu hekk rikonoxxut mid-dottrina kif ukoll mill-ġurisprudenza; Hekk it-trattist **C. Massimo Bianca** fl-opra tiegħu "La Vendita e la Permuta", Unione Tipografico – Editrice Torinese, Edizzjoni 1972 paġna 39 para. 21, jgħid illi "*quando l'alienante assume una prestazione di fare che non si limita ad una semplice attività integrativa o complementare ma attiene alla stessa produzione del bene, il problema della classificazione del contratto non può essere risolto qualificando senz'altro la prestazione come accessoria rispetto alla vendita. Occorre piuttosto accertare se il rapporto negoziale non corrisponda in realtà al tipo dei contratti d'opera individuale o imprenditoriale, cioè al contratto d'opera o al contratto d'appalto*.";

Jingħad minn awturi bhal **Rubino-Iudica** ("Dell'Appalto" para 44) illi dak li jiddistingwi l-appalt mill-bejgh huwa l-kriterju tal-"*prevalenza del lavoro sulla materia*". Bl-invers jinsab ritenut illi meta l-appaltatur jintraprendi opra li fiha jagħti mhux biss ix-xogħol jew is-sengħa tiegħu, imma jfornixxi anke l-materjal, dan l-appalt huwa affini mal-bejgħ (**Carmelo Borg *vs.* Joseph Mifsud**, Appell Kummerċjali, 7 ta' Ottubru, 1980);

Fil-fehma tal-Qorti din hi distinzjoni pjuttost sempliċistika tal-kunċett u ma ssolvix il-problema;

Ġiet allura konċepita t-teorija żviluppata fid-duttrina u l-ġurisprudenza Taljana "*secondo il quale il contratto di vendita si distingue da quello di appalto per il diverso oggetto, consistente, rispettivamente, in un'obbligazione di dare oppure in un obbligazione di dare e insieme di fare, con organizzazione di mezzi necessari e con gestione a rischio dell'appaltatore*" (**Qorti tal-Kassazzjoni Nru. 58 tad-9 ta' Jannar, 1970**);

Din it-teorija ittendi biex tassenja importanza deċiżiva lill-volontà tal-partijiet kontraenti. Teorija li wkoll sabet favur f'ċerta ġurisprudenza

tagħna, kif manifest mis-sentenzi fl-ismijiet **Neg. George E. Camilleri *vs.* Joseph Mamo *nomine***, Qorti tal-Kummerċ, 28 ta' Awwissu, 1951; **George Vassallo *vs.* Lawrence Fenech *et nomine***, Appell Kummerċjali, 26 ta' April, 1988 u **John Debono *vs.* Anthony Fenech *nomine et***., Appell Kummerċjali, 15 ta' Jannar, 1992;

Rigwardata minn din il-prospettiva tal-volontà tal-partijiet s-soluzzjoni tal-vertenza jidher li ġiet stabbilita skont l-ottika li wieħed jara l-kontrattazzjoni;

F'dan il-kuntest ġie ritenut, dejjem fil-ġurisprudenza Taljana, illi "*si tratterà di vendita di cosa futura e non di appalto, quando il prodotto richiesto sia conforme ad un tipo o modello proprio dell'ordinaria produzione dell'assuntore*" (**Qorti tal-Kassazzjoni Nru. 4020 tal-1983**).
Tali tibqa' s-sitwazzjoni anke fejn jintalbu modifiki fl-oġġett, purchè jkunu marġinali jew sekondarji, addottati biex jissodisfaw l-esiġenzi tad-destinatarju tiegħu. Minn naħa l-oħra jekk il-modifiki "*siano tali da dare luogo ad un 'opus perfectum' inteso come effettivo e voluto risultato della prestazione, si tratterà invece di appalto*" (**Qorti tal- Kassazzjoni Nru. 8445 tas-sena 2000**).

Jekk, imbagħad, ukoll il-kuntratt ma jkunx jista' jiġi każellat taħt it-tip wieħed jew l-ieħor, jista' jiġi kwalifikat bħala "*contratto misto*" (**Qorti tal-Kassazzjoni Nru. 83 tal-1972**)."

Illi abbażi tal-insenjament hawn fuq riportat, ir-rapport ġuridiku bejn il-kontendenti skont il-ftehim ta' bejniethom tat-30 ta' Marzu, 2013 huwa wieħed ta' kuntratt ta' appalt fejn is-soċjetà konvenuta kellha tipprovdi lis-soċjetà attriċi materjal maqtugħ minn barriera taż-żonqor tal-qawwi li jiġi pproċessat f'madum u kurduni għall-pavimentar skont speċifikazzjonijiet u dimensjonijiet preċiżi kif meħtieġ mis-soċjetà attriċi u allura għandhom isegwu r-regoli stabbiliti bl-artikolu 1640 tal-Kap. 16 peress li f'dan il-każ l-element tax-xogħol jipprevali fuq dak tal-materjal innfisu:

"1640. (1) Min jagħti x-xogħol jista' jħoll, meta jrid, il-kuntratt, għalkemm ix-xogħol ikun diġà beda.

(2) Jekk ma jkunx hemm raġuni valida biex iħoll il-kuntratt, min jagħti x-xogħol għandu jħallas biss lill-appaltatur l-ispejjeż kollha u x-xogħol kollu tiegħu flimkien ma' somma li tiġi meqjusa mill-qorti, skont iċ-ċirkostanzi, iżda mhux iżjed mill-qliegħ li l-appaltatur seta' jagħmel b'dak l-appalt.

(3) Jekk ikun hemm raġuni valida biex iħoll il-kuntratt, min jagħti x-xogħol għandu jħallas biss lill-appaltatur somma li ma tkunx iżjed mill-ispejjeż tal-appaltatur u l-valur tax-xogħol, wara li jittieħed qies tal-utilità ta' dawk l-ispejjeż u dak ix-xogħol lil min ikun ta x-xogħol kif ukoll id-danni li dan ikun sofra.

(4) Kull somma mogħtija bil-quddiem lill-appaltatur qabel ma l-kuntratt ikun inħall għandha tiġi applikata għal dak dovut skont is-subartikolu (2) jew (3) u l-appaltatur għandu jrodd lil min ikun ta x-xogħol kull eċċess li jirriżulta.

(5) Il-kuntratt jinħall immedjatament malli min ikun ta x-xogħol jinforma lill-appaltatur, b'kull mezz li jkun, bid-deċiżjoni tiegħu li jħoll il-kuntratt, u dan bla ħtieġa ta' ebda awtorità jew konferma mill-qorti."

Tqis illi ai termini tal-artikolu 1640 tal-Kap. 16 il-kuntratt ġie maħlul permezz tal-*e-mail* datata 15 ta' Mejju, 2013.[71] Is-soċjetà konvenuta kellha tieqaf mix-xogħol wara dik id-data. Ladarba ġie stabbilit li kienet teżisti raġuni valida biex jinħall il-kuntratt tal-appalt, għandu japplika s-sub-artikolu 1640(2) tal-Kap. 16 u min jagħti x-xogħol għandu jħallas biss lill-appaltatur somma li ma tkunx iżjed mill-ispejjeż tal-appaltatur u l-valur tax-xogħol, wara li jittieħed qies tal-utilità ta' dawk l-ispejjeż u dak ix-xogħol lil min ikun ta x-xogħol, kif ukoll id-danni li dan ikun sofra.

[71] *A fol.* 207 u 224.

Mill-provi prodotti jirriżulta li ma kien hemm ebda utilità għall-appaltanti atturi fix-xogħol li sar mis-soċjetà konvenuta wara li din kienet ġiet imwaqqafa mix-xogħol fil-15 ta' Mejju, 2013. Apparti minn hekk, kwantu għax-xogħol tas-soċjetà konvenuta li allegatament ġie utilizzat mill-appaltant għall-valur ta' €2,807.35, anki hawnhekk il-konvenuti naqsu milli jġibu provi in sostenn ta' dan. Stante li ġie ppruvat sal-livell probatorju rikjest mil-liġi illi kien hemm bosta nuqqasijiet fil-materjal ikkonsenjat mis-soċjetà konvenuta, apparti l-fattur tad-dewmien fil-konsenji, is-soċjetà konvenuta għalhekk m'għandha ebda dritt għal ħlas ta' danni.

Fil-konfront tal-atturi jirriżulta kif ġa ingħad li ġie ppruvat li dawn sofrew danni fis-somma ta' €24,362.74, li għandhom jiġu mħallsa mis-soċjetà konvenuta.

**Decide**

**Għaldaqstant għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża kif ġej:**

**1. Tilqa' r-raba' eċċezzjoni tal-konvenuti u tillibera mill-osservanza tal-ġudizzju lill-konvenut Victor Galea;**

**2. Tiċħad l-ewwel, it-tieni u t-tielet eċċezzjoni preliminari tas-soċjetà konvenuta u tiċħad ukoll l-ewwel eċċezzjoni tal-atturi rikonvenzjonati fir-risposta maħlufa tagħhom għall-kontrotalba tal-konvenuti rikonvenzjonanti;**

**3. Tiċħad it-talbiet kollha tal-konvenuti rikonvenzjonanti fil-kontrotalba tagħhom;**

**4. Tilqa' t-talbiet tal-atturi u tiddikjara lis-soċjetà konvenuta responsabbli għad-danni sofferti mill-atturi;**

**5. Tillikwida d-danni sofferti mill-atturi fis-somma ta' erbgħa u għoxrin elf, tliet mija u tnejn u sittin Euro u erbgħa u sebgħin ċenteżmu (€24,362.74) u**

**6. Konsegwentement tikkundanna lis-soċjetà konvenuta V. G. Tiles Co. Limited (C6957) tħallas lill-atturi s-somma ta' erbgħa u għoxrin elf, tliet mija u tnejn u sittin Euro u erbgħa u sebgħin ċenteżmu (€24,362.74).**

**Bl-ispejjeż kollha, inklużi dawk tal-ittra legali tad-29 ta' Mejju, 2013, tan-nota ta' oġġezzjoni fl-atti tal-ittra uffiċjali eżekuttiva numru 1146/2014 u tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 1148/14LM, kontra s-soċjetà konvenuta, salv għall-ispejjeż rigward ir-raba' eċċezzjoni tal-konvenuti u l-ewwel eċċezzjoni tal-atturi rikonvenzjonati għall-kontrotalba tal-konvenuti rikonvenzjonanti, liema spejjeż huma a karigu tal-atturi.**

**Bl-imgħaxijiet legali kontra s-soċjetà konvenuta sad-data tal-ħlas effettiv.**

Moqrija.